# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-27 TA' MEJJU 2021**

**Kawża Numru: 4**

**Rik. Ġur. 1945/2000 RGM**

**Primrose Poultry Products Limited**

**vs.**

**Onor Prim Ministru, Direttur Generali Taqsima tax-Xogholijiet fid-Dipartiment tax-Xogholijiet, l-Ministru Responsabbli ghall-Ambjent u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat iċ-ċitazzjoni **tas-socjetà` attriċi Primrose Poultry Products** li permezz tagħha ippremettiet u talbet is-segwenti:

Peress illi s-socjeta` attrici Primrose Poultry Products Limited hija l-proprjetarja ta' "poultry breeding farm" bl-isem ta' Primrose Farm, fil-Maghtab, u minn liema farm is-socjeta` attrici kienet ilha tizvolgi l-

operazzjonijiet kummercjali taghha fil-qasam tal-poultry breeding ghal aktar minn tletin sena, liema operazzjonijiet huma muniti bil-licenzji u permessi kollha mehtiega.

U peress illi l-konvenuti jew min minnhom, huma responsabbli ghall-fatt illi fil-vicinanzi tal-"poultry breeding farm" tas-socjeta` konvenuta giet sitwata "mizbla" (rubbish dump);

U peress illi l-istess "mizbla" thalliet tespandi u tisviluppa minghajr ebda kontroll u ecessivament u giet uzata b'mod indiskriminat minghajr ebda rispett ghall-proprjetajiet u l-attivitajiet kummercjali gia` ezistenti fil-prossimita` taghha;

U peress illi din il-manjiera kif thalliet tespandi l-mizbla u kif qed tigi uzata mill-konvenuti, jew min minnhom, tikkostitwixxi abbuz car tad-drittijiet tal-konvenuti u bhala konsegwenza diretta qed jigu kkagunati danni serji u ngenti lis-socjeta` attrici li ma tistax tkompli tizvolgi l-operazzjonijiet kummercjali taghha mill-istess "poulty breeding farm";

U peress illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni hekk ikkagunati lis-socjeta` attrici, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

U peress illi l-manjiera kif il-konvenuti, jew min minnhom, hallew il-mizbla tizvillupa b'mod eccessiv fil-prossimita` tal-proprjeta` tal-atturi kif ukoll il-manjiera kif giet minnhom uzata l-istess mizbla ghamilha impossibbli ghas-socjeta` attrici li tkompli tuza u tgawdi l-proprjeta` taghha fil-Maghtab u li tizvolgi l-attivitajiet kummercjali taghha mill-istess "farm" kif ser jigi ppruvat fil kors tal-kawza;

U peress illi dan l-agir daparti tal-konvenuti, jew min minnhom, jikkostitwixxi wkoll ksur tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tas-socjeta` attrici kif protett bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, Kap 319 tal-Edizzjoni Riveduta Tal-Ligijiet ta' Malta;

U peress illi l-konvenuti ghalkemm ufficjalment interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnhom ikkagunati baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni kkagunati lis-socjeta` attrici bhala rizultat tal-fatt illi l-mizbla tal-Maghtab qed tintuza abuzivament fil-konfront tas-socjeta` attrici u thalliet tespandi u tigi estiza eccessivament, b'mod li s-socjeta` attrici ma tistax tkompli tizvolgi l-attivita` taghha ta' "poultry breeding" fil-proprjeta` taghha, Primrose Farm, fil-Maghtab;

2. Tillikwida d-danni hekk ikkagunati lis-socjeta` attrici mill-konvenuti, jew min minnhom;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta` attrici d-danni hekk likwidati;

4. Tiddikjara ukoll illi ghar-ragunijiet fuq premessi il-konvenuti, jew min minnhom, illedew id-drittijiet u libertajiet fondamentali tas-socjeta` attrici kif protetti l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, Kap 319 tal-Edizzjoni Riveduta Tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiffissa kumpens dovut lis-socjeta` attrici;

6. Taghti kull rimedju, direttiva, u kumpens li jidhrilha xierqa.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti, li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-**nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti** ippreżentata fis-6 ta' Novembru 2000 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament, l-Onorevoli Prim Ministru, il-Ministru responsabbli ghall-Ambjent u l-Avukat Generali m'humiex il-legittimi kuntraditturi f'din il-kwistjoni u ghandhom ikunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, ai termini tal-artiklu 181B(1) u (2), stante li din hija kawza kontra l-Gvern illi huwa diga sufficjentement rapprezentat fit-termini tal-imsemmi artiklu mill-Kap tad-Dipartiment inkarigat mill-materja u cioe` d-Direttur Generali tax-Xogholijiet.

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni, inkwantu hija azzjoni biex timpunja l-uzu tal-Maghtab ghall-iskop tal-mizbla, hija perenta bit-terminu ta' sitt xhur ai termini tal-artiklu 469A(3) tal-Kap 12. Dan ukoll peress li l-uzu tal-Maghtab ghal skopijiet ta' mizbla gie kkonfermat permezz ta' l-iSkeda B tal-Avviz Legali 128 tal-1997, u dan igib ghala konsegwenza id-dekadenza cara tal-azzjoni inkwantu hi azzjoni kif fuq spjegat, bit-terminu ta' sitt xhur.

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, inkwantu l-azzjoni qieghda ssir biex tasserixxi drittijiet fundamentali protetti bl-Att XIV tal-1987, l-azzjoni hija irritwali billi saret permezz ta' citazzjoni u mhux b'rikors, kif jitlob l-artiklu 2 tal-Avviz Legali 35 tal-1993, u cioe` r-Regoli tal-Prattika u Prodcedura tal-Qorti.

4. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ic-citazzjoni odjerna hija kontradittorja u improsegwibbli fil-forma li saret, stante li fl-istess talbiet is-socjeta` attrici qed titlob rimedju ordinarju, inkwantu qed titlob danni ai termini tal-Kodici Civili, kif ukoll qed titlob rimedju straordinarju ai termini tal-Att XIV tal-1987, liema rimedju straordinarju hu eskluz bir-rimedju ordinarju, peress li r-rimedju straordinarju qieghed hemm biex jaghmel tajjeb ghal dawk il-kazijiet meta ma jkunx hemm rimedju ordinarju.

5. Illi fil-mertu, inkwantu hi azzjoni biex timpunja att amministrattiv, l-azzjoni hi infondata billi ma saritx fit-termini tal-artiklu 469A(1) tal-Kap 12, u m'hijiex bazata fuq wahda mir-ragunijiet li ghalihom huwa impunjabbli att amministrattiv.

6. Illi fil-mertu ukoll, u subordinatament, bhala konsegwenza tat-thaddim tal-mizbla, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, is-socjeta` attrici batiet xi inkonvenjent, dan huwa konsegwenza inevitabbli ta' attivita` legali li qed issir fl-interess generali u ghalhekk ma jaghtix lok ghal danni, peress li kull min ighix f'socjeta` huwa tenut illi jgorr dawk il-pizijiet li huma necessarji ghall-funzjonament tal-hajja socjali.

7. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti ma wettqu l-ebda fatt illecitu fil-konfront tas-socjeta` attrici, u ma jirrisponda ghall-ebda danni.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-proċedura;

Rat is-sentenza preliminari mogħtija fit-8 ta' Novembru 2001 minn din il-Qorti diversament preseduta fejn ġew miċħuda t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti;

Rat illi l-Qorti diversament preseduta n-nominat lil Dr. Vincent Galea bħala perit legali filwaqt li nnominat lil Dr. Gareth Grech bħala espert tekniku (digriet 17 ta' Awissu 2011) filwaqt li b'digriet tal-4 ta' Lulju 2017 nnominat lil Dr. Martin Debattista sabiex jassisti lil Dr. Gareth Grech;

Rat ir-relazzjonijiet peritali rispettivi;

Rat illi s-soċjetà attriċi permezz ta' nota ppreżentat mistoqsijiet in eskussjoni lill-veterinarji;[1]

Rat ir-risposti tal-Periti Tekniċi mogħtija seduta stante fid-29 ta' Jannar 2020[2] kif ukoll dawk preżentati bil-miktub fl-istess ġurnata[3];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-12 ta' Ġunju 2020[4] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi ippreżentata fis-7 t'Awwissu 2020[5];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-konvenuti ppreżentata fit-30 ta' Settembru 2020[6];

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attrici.**

Bis-sahha ta' ftehim tad-19 ta' Lulju 1969 giet imwaqqfa s-socjeta attrici fejn,

*"The objects for which the Company is established are:-*

*(A) To set up and carry on a comprehensive poultry industry, comprising egg hatching, commercial egg laying, chicken and broiler rearing.*

*(B) To carry on all business similar to or associated with the abovementioned industry.*

*(C) To market, sell and generally deal in the Company's own products and any associated commodities which the Company may purchase or otherwise*

[1] Paġna 1194 tal-proċess.
[2] Paġna 1210 tal-proċess.
[3] Paġna 1231 tal-proċess.
[4] Paġna 1234 tal-proċess.
[5] Paġna 1257 tal-proċess.
[6] Paġna 1298 tal-proċess.

*acquire and to purchase produce and sell all other commodities which in the Company's opinion are necessary or convenient for the carrying on of its business or any of them.*
*[...]"*[7]

Is-soċjetà attrici hija proprjetarja ta' razzett sabiex fih jitrabba *parent stock* cioe', tiġieġ li jbid il-bajd li jintuża għall-ikel jew sabiex ifaqqsu. Qabel ma inbeda dan il-proġett, is-soċjetà attrici kienet hadet pariri teknici u xjentifiċi minghand esperti barranin u kumpaniji esteri f'dan ir-rigward. Kien fuq parir tad-ditta estera Shaver, li hija ddecidiet li takkwista l-imsemmija proprjetà gewwa l-Maghtab. Dan ir-razzett nbena fiz-zmien s-sittinijiet u kompla jigi estiż fil-bidu tas-sebghinijiet. Fl-14 ta' Frar 1977 kienet infethet mizbla bhala parti minn proġett 'Izra u Rabbi' u fil-bidu beda jigi depozitat terrapien sabiex l-akkwati flok tibqa wahda xaghri, issir agrikola. Gara izda li maz-zmien beda jintrema kull tip ta' skart inkluz karkassi t'annimali li ma jinharqux fil-biccerija. Il-mizbla maz-zmien kompliet tespandi, liema estenzjoni skont is-soċjetà attrici kienet qieghda isir minghajr kontroll. Skont is-soċjetà attrici din l-estenzjoni kienet qieghda tikkawżalha dannu minhabba li ma setghetx tkompli bl-attività kummerċjali taghha peress li t-tigieg bdew jimirdu minhabba l-firien li kienu qeghdin imorru fir-razzett - liema firien skond is-socjeta' attrici kienu jigu mill-mizbla - kif ukoll minhabba mard li kien jinstab fl-arja mniggsa ikkawżata bil-mizbla. Is-soċjetà attrici tillamenta wkoll li bl-agir abbużiv tal-konvenuti gie lez id-dritt taghha kif protett taht l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ikkunsidrat;

Provi.

[7] Paġna 565 tal-proċess.

Xehed permezz t'affidavit **John Borg**, c-Chairman tas-socjetà attrici u azzjonjonist fl-istess socjeta. Spjega li huwa flimkien ma' hutu Albert Borg u George Borg kienu ddecidew li jibdew jkabbru t-tigieg u kien ghalhekk li bnew *poulty parent stock* gewwa l-Maghtab liema binja giet estiza. Jghid li fis-sittinijiet Malta kienet tiddependi totalment fuq l-importazzjoni tat-tigieg, bajd u flieles u kien ghalhekk li huma hadu din id-decizjoni. Minhabba t-teknika moderna u sfond xjentifiku, huma hassew il-htiega li jitolbu ghajnuna u jiehdu pariri minghand esperti barranin. Kompla jghid li huma ma ridux semplicement trobbija tat-tigieg ghall-ikel izda "trobbija ta' tiġieġ ta' razza pura, msejha "parents stock", li minnhom jittiehed bajd fertilizzat ghat-tifqis, u dan il-bajd kien se jigi mfaqqas fil-hatchery li kienet tinstab band ohra."[8] Ghal dan il-progett huma ghazlu l-Maghtab bhala l-post idejali. Jispjega li l-qliegh kien pożittiv u ghalhekk fil-bidu tas-sebghajnijiet saret l-ewwel estenzjoni fil-binja gewwa l-Maghtab[9] u qabel l-1976 kienu xtraw aktar art sabiex jippjanaw iktar tkabbir fil-bini[10]. Borg jghid ukoll li bis-sahha ta' dan il-progett il-Gvern kien iddikjara z-zona tal-Maghtab bhala zona agrikola. L-investiment kiber u l-profitti gew uzati sabiex inxtraw aktar bini u makkinarju. Jghid li "waqt li ahna konnha ghadejjin b'dan l-investiment qawwi, nholqot miżbla fil-Mghatab, viċin ta' l-istess Farm. Dak in-nhar qatt u hadd ma ghaddielu minn rasu il-konsegwenzi, il-hsara u il-rovina totali, li din il-mizbla kif giet użata u kibret, kien sejjer ikollha fuq il-progett li ahna ghamilna b'tant sagrificju."[11] Din il-mizbla bdiet tintuża sabiex jintrema l-iskart kollu ta' Malta, inkluz skart mill-biccerija, annimali mejta, prodotti tal-ikel u mediċini skaduti, skart industrijali u skart mill-isptar. Minhabba dan, kien hemm infestazzjoni ta' ġrieden fiz-zona kollha tal-Maghtab u jkompli jghid, li kien ghalhekk li hadu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega bi tqeghied ta' velenu, attrezzaturi apposta mal-bibien u t-twieqi. Nonostante dan kollu, l-infestazzjoni kienet qieghda tiżdied tant li maz-zmien bdew jigu rappurtati numru kbir ta' tiġieġ mejjet. Ix-xhud spjega

[8] Paġna 50 tal-proċess.
[9] Il-permess ghall-ewwel estenzjoni inhareg fis-27 ta' Lulju 1973 - kopja tal-permess jinstab f'Paġna 612 tal-proċess. Il-permess ghat-tieni estenzjoni inhareg fl-14 ta' Frar 1974 – kopja tal-permess jinstab f'Paġna 614 tal-proċess.
[10] Il-permess ghall-estensjoni ohra inharget fil-15 ta' Settembru 1976 – kopja tal-permess tinstab f'Paġna 613 tal-proċess.
[11] Paġna 51 tal-proċess.

li fit-tmeninijiet beda jitfacca mard gdid fit-tigieg u kien ghalhekk li kellhom jinvestu f'vaccini appoziti. Minhabba li hafna tiġieġ beda jmut, il-produzzjoni kienet baxxa bil-konsegwenza li kellhom jimpurtaw bajd iffertillizzat bi prezz aktar gholi minn kemm kien jiswa lis-socjeta kieku kellhom il-produzzjoni lokali. Ikompli jghid li l-impjegati taghhom ġieli rrapurtaw li mal-lejl kienu jaraw ġrieden jieklu mic-*chain feeder* tat-tigieg. Kien ghalhekk li fis-sena 1998 huwa kien kiteb lill-Ministeru tas-Sahha dwar dan u t-twegiba kienet li l-Gvern jista' jaghtih xkora velenu fix-xahar. Jghid li maz-zmien ir-rizultati baqghu sejrin hazin. Jghid ukoll li huma ghandhom *breeding operations* zghir f'Targa Gap u l-Besbizija, f'liema farms kienu jużaw l-istess razez ta' tiġieġ li kien hemm gewwa l-Maghtab u fejn innutaw ukoll li t-tigieg qatt ma marad b'mard li kellu t-tigieg li kien hemm il-Maghtab. Jghid li l-progett beda jitlef il-flus sena fuq sena. Qal ukoll li fl-ahhar tad-disghinijiet huh kien qara xi rapporti li gew ippublikati minn xi hadd tal-*Greenpeace.* Jghid li fl-intervall kien ukoll inqalghet problema gewwa l-Belgju fejn gew maqtula kwantitajiet kbar ta' tiġieġ. Jghid li huh kien wera x-xewqa li jqabbdu awtorità indipendenti barranija sabiex taghmlilhom rapport dwar x'jista' jkollhom hazin fil-farm tal-Maghtab. Jghid li kien ghalhekk li inkarigaw lill-espert internazzjonali Dr. Willie J Landmann li hu *poultry health specialist* appuntat mir-Royal Dutch Veterinary Association sabiex jiddetermina x'setghu kienu qeghdin jaghmlu hazin jew minn fejn kienet gejja l-problema. Ghal habta ta' Mejju 2000 gie Dr Landman Malta u ghamel l-investigazzjonijiet u gabar l-informazzjoni kollha. Jghid li Dr Landman kien qallu li "bis-sitwazzjoni tal-mizbla tal-Maghtab qatt u taht l-ebda kondizzjonijiet ma jista' jitrabba parents stock"[12]. Ix-xhud jghid li Dr Landman bghatilhom il-konkluzjonijiet li fi kliem ix-xhud "il-konkluzjoni finali ta' dar-rapport hija li l-konsegwenzi kollha, u l-eluf kbar ta' liri li ntilfu fi produzzjoni, hela ta' ġwież mediċini, disinfettanti, kien attribwit kwazi in toto ghall-famuza landmark maghrufa bhala l-mizbla tal-Maghtab."[13] Jghid li insegwitu ta' dan ir-rapport huma kienu hadu d-decizjoni li jwaqqfu l-operat taghhom fil-Maghtab. B'referenza ghar-

[12] Paġna 53 tal-proċess.
[13] Paġna 54 tal-proċess.

rapport tal-espert minnhom inkarigat, ix-xhud jghid li d-danni ta' Lm600,000 indikati fir-rapport, u konfermati mill-awdituri taghhom KPMG, huma danni tat-tnaqqis fil-produzzjoni ta' bajd biss u ma jinkludux id-danni ohra, fosthom id-dannu li huma kellhom jimpurtaw il-bajd ghat-tfaqqis meta qabel kien ikollhom fil-farm taghhom stess u issa li l-farm huwa maghluq dan m'huwiex possibbli. Jghid ukoll li s-somma ta' Lm600,000 tkopri biss il-perjodu bejn l-1990 u l-1999 meta fil-verità huma kellhom telf fi produzzjoni sa minn kmieni fit-tmeninijiet. Is-Sur Borg jghid li l-art kollha issa saret inutli u dan peress li l-uzu tal-istess art hija limitata ghal skopijiet agrikoli, fejn il-binja ghandha hafna mhazen jew units li llum ma jistghux jintuzaw ghall-iskop li ghalihom kienu jintizaw. Jghid li skont rapport tal-Perit Michael A Refalo datat 21 ta' Frar 1995, il-valur tal-art huwa ta' miljun, erba' mija u hamsin elf Lira Maltin (Lm1,450,000).

Xehed ukoll permezz t'affidavit **George Borg**, wiehed mill-azzjonijiet tas-socjetà attrici kif ukoll direttur minn meta bdiet topera l-kumpanija sas-17 t'Ottubru 2001. Jghid li huwa flimkien ma' huh John u Albert fil-bidu tas-sittinijiet ddecidew li jfittxu post sabiex jibnu razzatt ghal *parents stock pedigree*. Sabiex jikkumplimenta r-razzett kienu bnew ukoll *hatchery* u dan bnewh bil-qliegh li bdew jaghmlu. Jghid li huma kienu gew maghzula sabiex irabbu tigieg tal-*franchise* Shaver u dan minhabba l-livell gholi fit-tmexxija tar-razzett kif ukoll fl-igjene. Jghid li kienu inghataw ukoll permess sabiex jesportaw gewwa l-Afrika ta' Fuq ghan-nom ta' Shaver. Ikompli jghid li "fis-sebghinijiet konna estendejna aktar l-operazzjonijiet taghna u l-bini tal-farm, u dana billi konna sejrin tajjeb u qatt ma qsamna Lira, izda dejjem ergajna investejna kull ma qlajna."[14] Jghid ukoll li qabel 1976 kienu xtraw aktar art bl-intiza li jkabru l-operat taghhom u fil-fatt fis-sena 1976 saret applikazzjoni sabiex jinbnew 6 huts godda fuq l-art, liema applikazzjoni giet approvat u nbnew 3 huts sabiex jrabbu *parent breeders*. Jghid li kien fl-14 ta' Frar 1977 li inholqot miżbla fil-vicinanzi tar-razzett taghhom gewwa l-Maghtab. Din il-mizbla kienet tintuża sabiex jintrema l-iskart kollu ta' Malta. Jghid li sa dan il-punt huwa qatt ma haseb li din il-

[14] Paġna 70 tal-proċess.

mizbla sejra taffettwa t-tmexxija tar-razzett taghhom. Jispjega li mal-mghodija taz-zmien il-mizbla kompliet tikber. Jghid li beda jinduna li ftit wara li bdiet il-mizbla bdew dejjem jiżdiedu l-grieden tant li fl-ahhar ma setghux jibqghu jikkontrollawhom u kellhom infestazzjoni. Is-Sur Borg spjega wkoll li huma osservaw li l-mard fost it-tigieg beda jzid u r-rata tat-tigieg li jmut beda jizdied ukoll, mewt ikkawżat minn diversi *virus infections* u epidemija ohra kawżati minn *bacteria*. Sabiex jikkontrollaw il-grieden jghid li kienu qabdu kumpanija tal-*pest control* izda kien inutli, kif ukoll ghamlu velenu tal-grieden. Jghid li l-velenu ma jistax jitqieghed fil-*huts* tat-tigieg u ghalhekk wara li giet il-mizbla bdiet issir *eradication programme* kull darbu li johorgu *batch* ta' *parent stock* li jkun spiċċa jbid. Jghid li wara dan il-programm, l-ammont ta' ġrieden mejta kienu johorgu bil-gaffef. Ix-xhud jghid ukoll li "dal-grieden minbarra li l-ammont kbir ta' ġwież li kienu jieklulna, kienu jaghmlu hsara kontinwa kuljum lill-atrezzaturi tal-farm u kienu jgerrmu l-pipes tal-ilma [...] u li dawn kienu jirrekaw dannu li kull darba trid toqghod taghmel il-firxa mill-gdid li tiswa hafna flus [...] Gieli gara wkoll li wires tad-dawl gew imgerma mill-istess ġrieden u jinqata' d-dawl, b'detriment ghat-tigieg. Dan qabel il-mizbla tal-Maghtab ma kien jiġri qatt."[15] Ix-xhud jghid ukoll li ghal bidu huma hasbu li l-problema kienet il-*breed* tat-tigiega u allura kull darba li tispiċċa ċiklu, li tiehu 128 gimgha, kienu jbiddlu ghal razza ohra bit-tama li jkollhom riżultati pożittivi, izda xorta baqghu sejrin hazin. Ix-xhud jirreferi ghal sitwazzjoni gewwa l-Belgju li sehhet fid-disghinijiet fejn faqqa kaz tad-dijossina b'konsegwenza li eluf kbar ta' tiġieġ gew maqtula. Jghid ukoll li l-Greenpeace fil-gazzetta kienet ghamlet referenza ghal fatt li fil-mizbla tal-Maghtab hemm *toxic chemicals* u dijossina. Jirreferi wkoll ghal dokument bl-isem *An Environmental Strategy for the Maltese Islands* ippubblikat minn Malta Business Bureau gewwa Brussel li jaghmel referenza ghall-impatt negattiv li l-mizbla ghandha fuq l-ambjent u liema dokument jirreferi wkoll ghal studju li sar minn Dr Paul Johnston, direttur tal-Greenpeace laboratories fl-Ingilterra li ha kampjuni mill-Maghtab u kkonkluda li "*The Maghtab landfill is a toxic bomb with elevated levels of pollutants especially*

[15] Paġna 72 tal-proċess.

*dioxins and a variety of chemicals including DDE, the industrial chemicals PCB and other hazardous chemicals."*[16] Jghid li malli qara dan l-artikolu beda jissuspetta li dak il-mard kollu li faccjaw kien relatat mal-Maghtab, kien ghalhekk li indaga u ghamel ricerka f'kotba rigward il-mard tat-tjur fosthom *Poultry Health Handbook* u *Interver Manual Healthbook* fejn jghid li "fihom bdejt ninnota li l-mard li ahna konna ffaccjajna rriżultaw li gejjin minn: airborne particles, rodent transmission, insect transmission, mosquito transmission [...]"[17]. Kien ghalhekk li ddecidew li jinkarigaw speċjalista f'dan ir-rigward u inkarigaw lil Willie J. Landmann. Dan gie Malta f'Mejju 2000 fejn kien acceda ghar-razzett tal-Maghtab kif ukoll il-mizbla u wettaq spezzjonijiet mehtiega fiz-zewg postijiet. Jghid li qabel ma hejja rapport bil-miktub, Landmann kien talab li jaghmlu ezercizzju mir-rekords taghhom sabiex jigi determinat kemm kien it-tnaqqis tal-prodott. Ix-*shortfall* ghas-snin bejn 1990 u 1999 kien ta' sitt mitt elf lira Maltin (Lm600,000). Is-snin bejn 1980 u 1990 m'humiex inklużi fl-ezercizzju li sar. Ix-xhud jghid li

"Oltre dan it-telf dirett, wiehed irid ukoll jiehu wkoll in konsiderazzjoni danni li ahna soffrejna b'mod kontinwu u fost dawn hemm:

- "cost of parents stock", jigifieri il-valur fi flus ta' tiġieġ li ahna xtrajna apposta minn barra u li kielu ghal zmien twil u peress illi mietu qabel ma kellhom imutu ma hadniex ir-return li suppost hadna minnhom;
- Il-labour li hallasna żejjed fil-vojt;
- l-ilma u d-dawl;
- xiri ta' cilindri tal-gass biex isahhan il-flieles;
- mediċinali u vaccinations,
- velenu u pest control service;
- wastage ta' ġwież minhabba grieden u ghal tiġieġ li sussegwentement mietu;
- il-manutenzjoni biex nirranġaw il-hsara li ghamlu l-istess ġrieden;
- l-importazzjoni ta' hatching eggs minn barra li tammonta ghal eluf kbar ta' Liri biex taghmel tajjeb ghax-*shortfall* tal-bajd tat-tifqis li suppost hadna

[16] Paġna 73 tal-proċess.
[17] *ibid.*

mil-lokali, peress li konna kkuntrattjati li nissupplixxu lill-klijenti taghna bil-flieles;

- il-*freight* kollu li hallasna biex ingibu dal-bajd minn barra biex jirriplejsa ix-*shortfall*;
- il-hela ta' ċana, oltre l-fatt li peress li l-grieden iqattghu il-pajpijiet tal-ilma trid dejjem taghmel firxa gdida;
- il-kirjiet u l-ispejjez ta' akkomodazzjoni ta' maniġers barranin, kif ukoll il-*flights* tal-istess, u *allowances* ohra, *perks* u benefiċċji, li kellna naghtuhom;
- is-self u l-interessi li kellna nhallsu il-banek kummerċjali minhaabba l-problemi li faccjajna fil-farm minhabba dil-mizbla;
- u l-ahhar u mhux l-inqas l-inutilita' tal-investiment kollu li ghamilna.

Dawn id-danni ahna sofrejnihom mill-bidu tat-tmeninijiet sas-sena 2000."[18]

Ix-xhud jghid li wara dan ir-rapport huma waqfu milli jġibu aktar *parent stock* u li kellhom kienu qatluh. Jghid li huwa kompla jsegwi x'kien qieghed jinghad u jinkiteb dwar il-Maghtab anke mill-membri tal-Gvern stess kif ukoll x'kien qieghed isir. Jghid li l-Ministru inkarigat mill-Ambjent ammetta dwar kemm hi kbira u urġenti l-problema tal-Maghtab u li din ghandha tinghalaq. Jghid ukoll li ricentament kienu saru tabelli madwar il-kosta tal-bahar viċin il-mizbla sabiex in-nies ma jinżlux jghumu.

Mal-affidavit tieghu x-xhud George Borg annetta numru ta' dokumenti. Fost dawn id-dokument hemm studju li sar fuq il-mizbla tal-Maghtab mill-Greenpeace Research laboratories datat 1 t'Ottubru 1999 mhejji minn Dr Paul Johnston li jghid fost ohrajn li "*[...] the organic analyses carried out on the samples suggest that contamination on this site is both extensive and complex [...] Dioxins [...] were found to be [...] approximately 10,000 times the level of contamination likely to be present in uncontaminated rural soil [...] The Maghtab landfill site represents an operation which appears to be virtually uncontrolled. There appears to be no mechanism for fully controlling the entry of materials to the site. Also because of poor regulation*

[18] Pagni 74 – 75 tal-proċess.

*there is the potential for contaminants to be removed from the site through wind and water erosion. Site security is poor. [...] In my view the site is extremely poorly managed and regulated and therefore considerable attention should be given to the specific problems arising from this poor regulation and to the wider issue of waste management itself.”*[19] Ix-xhud ipprezenta wkoll ittra mibghuta mill-Ministeru ghal Agrikultura u Sajd datata 21 ta’ Marzu 2001 fejn fiha gie ikkonfermat li servizz tal-i*skip* partikolari ghandha l-awtorizzazzjoni mid-Dipartiment tas-Servizz Veterinarju sabiex jittrasporta u jarmi fil-Maghtab *poultry slaughterhouse waste*.[20]

In kontro-ezami George Borg spjega li huma bdew bit-tigieg ghall-bajd gewwa razzett Santa Venera però wara giethom l-ideja li jibdew ikabbru *parent breeding* u dan kien xi sena 1962 jew 1963. Matul iz-zmien bdew jenfasizzaw aktar fuq dan it-tip ta’ tigieg però xorta kellhom tigieg ghall-bajd. Jghid li fir-razzett tal-Maghtab kienu bdew b’tigieg tal-bajd izda imbaghad dawru ghal *parent stock.* Spjega li huma kienu bnew imhazzen ghat-tigieg tal-bajd u wara bnew zewg imhazzen ohra ukoll ghal dan it-tip ta’ tigieg. Wara kienu xtraw l-art sabiex jibnu mhazen ohra ghal *breeders*. Jghid li huma bnew b’10 imhazen ghal *breeders* izda imbaghad l-imhazen l-ohra gew mibdula ghal *breeders*. Ix-xhud qal li meta kellhom il-*parent breeders* ma kellhomx aktar tigieg tal-bajd.

Lejn l-ahhar tas-sena 2000 kienu waqfu jkabbru l-*breeders* fuq parir ta’ Landman. Ix-xhud qal ukoll li huma ma żammew xejn iżjed u bieghu ir-razzett. Ix-xhud qal ukoll li qabel iz-zmien tmenin kien ikollhom mard izda mard komuni tat-tigieg. Kien wara dak iz-zmien li l-mard li kien qieghed ikollhom ma kienx jista jigi kkontrollat. Ix-xhud spjega li fil-bidu tat-tmenijiet kienu sabu esperti biex jaraw x’seta’ kien hemm hazin u dawn kienu jiehdu kampjuni tad-demm sabiex jigu analizzati barra izda xorta ma sabux irkaptu. Meta gie mistoqsi jipproduċi d-dokumenti relattivi, ix-xhud

[19] Pagni 125 – 126 tal-proċess.
[20] Paġna 117 tal-proċess.

qal li fl-1994 kien waqa' s-saqaf tal-ufficju tieghu fejn gie distrutt kollox u dan waqa' ghaliex kien fi stat perikoluż kemm qabel u kemm wara li waqa' dak is-saqaf. Is-Sur Borg xhed illi "il-mard li kienu qeghdin jindikawlna l-vets barranin, hafna minnhom, kienu airborne u kien hemm minn kull kwalità ta' mard. Hafna minn dan il-mard kien qieghed jigi ikkawżat minn vermon's."[21] Dwar il-vaccini, ix-xhud qal li huma dejjem laqqmu t-tigieg taghhom. Ghall-mistoqsija kif jispjega l-fatt li l-grieden kienu johorgu mill-mizbla biex ifittxu l-ikel galadarba fil-mizbla kien hemm ikel, jghid li dawn kienu jigu ghall-ġwież[22].

Waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2007, ix-xhud ipprezenta sett ta' dokumenti sabiex jiġġustifika l-ammont ta' Lm600,000 danni. Ix-xhud qal li t-tigieg kien jigi trasportat mir-razzett tal-Maghtab ghal ta' Targa Gab jew Bezbizija permezz ta' vann li kien jigi ffumugat u disinfettat bejn vjagg u iehor. Jghid li fl-ahhar zewg irziezet it-tigieg kienu jkunu ahjar. Jghid li huma ghamlu dak kollu li setghu sabiex jikkontrollaw u jsolvu l-problema tal-grieden izda ma rnexxielhomx.

Ghall-mistoqsija tal-Perit Legali x'kienet ir-raguni li baqghu ikabbru *parent stock* meta kellhom dik il-problema, ix-xhud irrisponda li l-problema mhux il-grieden biss kienet izda wkoll airborne particlars ikkaġunati mill-mizbla. L-art tal-imhazen kien tal-konkrit.

Is-soċjetà attrici pprezentat ukoll affidavit imhejji minn **Wil J. M. Landman**, veterinarju bi professjoni kif ukoll kiseb dottorat wara li ghamel studju fuq *amyloid arthropathy* fuq it-tigieg u speċjalizzat fis-sahha tat-tigieg.

Jghid li f'April jew Mejju 2000 huwa gie kkuntatjat minn Primrose Products Ltd sabiex jinżel Malta u jhejji studju dwar il-*feasibility and safety* tal-kummerc fit-tkabbir tat-tigieg fir-razzett taghhom tal-Maghtab, liema

[21] Paġna 606 tal-proċess.
[22] Paġna 608 tal-proċess.

razzett huwa viċin il-mizbla. Jghid li ghal snin shah gew infaccati b'telf kbir fil-produzzjoni minhabba mewt tat-tigieg u deficenzja fil-produzzjoni ta' bajd. Jghid li huwa gie Malta fl-20 ta' Mejju 2000 u dam sat-23 ta' Mejju 2000. Jghid li sakemm kien Malta huwa spezzjoni r-razzett u l-mizbla. Wara din l-ispezzjoni huwa hejja rapport li gie anness mal-affidavit tieghu u halef wkoll il-kontenut tieghu. Fir-rapport, Dr. Landman jghid li wahda mill-principji fundamentali huwa li sabiex it-tigieg ikunu b'sahhithom jehtieg li jkollhom igene tajba u bijosigura (*biosecurity*) fil-bini tar-razzett "*keeping them in maximum isolation, with the aim to prevent exposure of the chickens to hazardous health threatening micro-organisms in the environment.*"[23]

Jinnota li r-razzett fl-1964 u 1965 kien kompletament iżolat minn kwalunkwe sorsi perikolużi ghat-trobbija tat-tigieg. Però hafna snin wara, fl-14 ta' Frar 1977, il-mizbla giet krejata. Dr Landman osserva li nonostante li ttiehdu diversi miżuri, il-grieden xorta wahda sabu mod kif jidhlu fil-binja. Ghalkemm kien hemm programmi sabiex jigu kkontrallati l-grieden, dawn irriżultaw li ma kienux suffiċjenti sabiex jikkontrollaw numru kbir tal-infestazzjoni fl-inhawi. L-espert imqabbad mis-socjeta attrici elenka fir-rapport tieghu l-vaccini li inghataw lit-tigieg. Osserva li nonostante l-vaccini li inghataw u wkoll l-antibijotici, dawn kollha kienu ghalxejn. Dr. Landman osserva wkoll li r-razzett huwa 750 metru x-Xlokk mill-mizbla, filwaqt li r-rotta tat-trakkijiet tal-iskart hija ferm aktar viċin u cioe 250 metru mir-razzett. Jinnota wkoll li minhabba li razzett jinstab fejn jinstab, u peress li r-rih fil-maggor parti jkun jaghti lejn ir-razzett, ir-razzett huwa espost "*to airborne particles originating from the landfill, the dump trucks route and dump trucks themsleves*."[24]

Irraporta li sakemm kien qieghed jaghmel l-ispezzjoni huwa nnota li kien hemm qatghet ta' ghasafar tal-bejt li kienu qeghdin itiru minn u lejn il-mizbla, kif ukoll qtates u klieb iduru mar-razzett. Jghid li skont ir-residenti tal-lokal kif ukoll haddiema tar-razzett numru kbir ta' ġrieden invadew l-

[23] Paġna 160 tal-proċess.
[24] Paġna 164 tal-proċess.

inhawi u jidhru l-aktar mal-lejl. Jghid li waqt l-ispezzjoni huwa nnota l-infestazzjoni tal-grieden u dan ghaliex ra sitt igrieden mejta fuq iz-zibel li kien f'kamra tat-tigieg liema kamra kienet kbira madwar hamsin metru kwadru, filwaqt li ra wkoll far u gurdien haj fl-istess post. Maghdud ma' dan, kien hemm xkejjer tal-ikel tat-tigieg li gew imgerma mill-grieden, "*while in another empty house without chicken food storage rodents had been chewing on egg trays*."[25] Dr Landman jghid li rezidenti lmentaw li kienu qeghdin ibghatu minn raxx u ugigh ta' ras attribwibbli mill-mizbla. Trakkijiet mimlija b'kull tip ta' skart jidhlu fil-mizbla minghajr ebda kontrolli ta' x'tip ta' skart qieghed jintrema. Galadarba m'hemm l-ebda kontrolli, l-iskart li jintrema ivarja minn skart li huwa anqas perikoluż sa skart tossika li huwa ta' hsara kemm ghall-annimali kif ukoll ghall-bniedem.

Fir-rigward tar-razzett, l-espert inkarigat mis-socjeta attrici, qal li l-post li jinstab fih jaghmlu vulnerabbli ghall-mard, li jinxtered faċilment bir-rih. Id-distanza kemm jinxtered il-mard jiddependi skont il-qawwa tar-rih u ghalhekk "*in view of the location, it is likely that the farm is subjected to a bombardment of disease agents when westnorthwest and northwest wind blow. Besides disease transmitting micro-organisms, a role for toxic compounds carried by the wind on airborne particles should be considered.*"[26] Dr Landman jindika wkoll li barra r-rih, hemm modi ohra kif mikro-organizmi jistghu jaslu sar-razzett fosthom b'ghasafar tal-bejt, gawwi, klieb u qtates, kif ukoll ġrieden u umani. Mizbla huwa l-post li wiehed isib ġrieden, klieb u qtates ta' barra. Jghid ukoll li l-grieden jittrasmettu Salmonellas u Campylobacter fost mard iehor. Dr. Landman ghamel elenku tal-mard li jista' jigi trazmess minn ġurdien ghal fuq tiġieġa.

L-espert wasal sabiex jikkonkludi li "*as the Primrose farm is situated at 750m southeast of the dump site itself and the dump truck route is situated at only approximately 250m any poultry activity at this location should be*

[25] Paġna 166 tal-proċess.
[26] Paġna 171 tal-proċess.

*avoided. As stated above hygiene and biosecurity are of vital importance to every poultry farm, however in the case of broiler breeder farm even more stringent measures apply. Such a farm is situated at the beginning of the production chain and a disease outbreak could have detrimental effects for a whole series of broiler farms supplied with day-old chicks from that source. This makes the situation for the Primrose farm even more delicate."*[27] Ikompli jghid li

*"1. Although a direct causal relationship between the rubbish dump and disease outbreaks and damage to the Primrose operations at Maghtab could not be established, the existence of such a relationship is more than likely in view of the findings mentioned above.*
*2. The waste dump and its near surroundings is a highly hazardous site form both the microbiological and toxicological point of view. Any agricultural activity developed in the Maghtab area is subjected to high risk for animal and human health.*
*3. The location of poultry breeding activities at such a high risk site means more chances of disease outbreaks mentioned in EU regulations. Therefore long term compliance with these EU regulations will be very difficult for such a farm."*[28]

Xehed **Adrian Mallia**, ex-impjegat (Manager) mal-Awtorità tal-Ippjanar fl-*Environment Management Unit*. Huwa spjega li minn dak li jiftakar hu li ma kienx hemm il-htiega ta' permess għall-miżbla peress li kienet bdiet topera fis-snin sebghin u mill-Gvern. Spjega li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet hejjiet *Waste Management Subject Plan (Space for Waste)*, dokument bi strateġija ghall-maniġġjar tal-iskart ghal ghoxrin sena. Jghid ukoll li fl-istess zmien, fis-sena 2000, il-Ministeru responsabbli mil-Ambjent kien ħareġ dokument fuq *Solid Waste* u minn dak id-dokument harget l-istrateġija tal-Gvern. Studji attwali fuq il-miżbla saru mill-Ministeru responsabbli mill-Ambjent, liema rapport inhargu fis-sena 1998 u iehor fis-sena 2001. Dwar l-

[27] Paġna 174 tal-proċess.
[28] Paġna 175 tal-proċess.

implimentazzjoni tal-i*standards* ix-xhud spjega li dik taqa’ taht ir-responsabbiltà tal-Work Division tal-Ministeru responsabbli mill-Ambjent (ix-xhud jghid “illum Resources”[29]). Dwar l-impatt ambjentali, ix-xhud qal li mid-dokumenti li hemm m’hemm l-ebda wiehed li kien fahhar is-sistema.

In ri-ezami x-xhud ikkonferma li fis-sena 1973 il-Gvern ma kienx jehtieg permess minn ghand l-awtorità ghax l-awtorità ma kinitx teżisti. Spjega li Environrment Impact Assessment ma jistax isir ghaliex dan isir qabel ma johrog permess, li jista’ jsir huwa Environmental Audit. Jghid li dan ma sarux ghajr ghal xi rapporti sporadici. Dwar jekk kienx hemm xi ilmenti minn Primrose Poultry Products li l-mizbla kienet qieghda taffetwahom b’mod negattiv huwa jghid li qatt ma rcieva. Milli jiftakar huwa li kien hemm xi applikazzjoni ghal żvilupp biex jaqilbu r-razzett ghal mahzen.

Xehed ukoll il-**Perit Vincent Cassar**, Direttur Generali Public Works. Rigward il-mizbla huwa jghid li din bdiet teżisti xi sena 1977 – 1978. Jippreciza li din ma kinitx infethet bhala miżbla izda bhala proġett tal-agrikoltura imsejja ‘izra u rabbi’ izda imbaghad fis-sena 1977 gie żviluppat f’mizbla. Il-konnessjoni tal-Works Division mal-mizbla ma bdietx mis-sena 1977 izda fis-sena 1996 meta giet taht ir-responsabbilita tal-imsemmi taqsima. Qabel din id-data, kien responsabbli Environment Protection Department. Ix-xhud ma kienx f’posizzjoni jghid jekk sarux studji qabel saret miżbla. Ix-xhud spjega wkoll li ma kien hemm l-ebda volum speċifikat ta’ skart li kellha jitbattal hemm, li gara kien li tkabbret matul iz-zmien. Ix-xhud qal li statistika tal-iskart illum tohrog kull sena. Ix-xhud spjega li l-iskart li kien jinġabar mid-djar kien jitghatta bit-terrapien sabiex issir il-fermentazzjoni. Skont ix-xhud din hija sistema li tintuża kullimkien mhux Malta biss. Il-mizbla m’ghandhiex fencing mad-dawra u n-nies ġieli dahlu jqabbdu n-nar u ġieli ufficcjali tal-Gvern stess. Xatba minn fejn tidhol dejjem kien hemm.

[29] Paġna 189 tal-proċess.

Meta gie mistoqsi x'sistema tintuża sabiex il-gassijiet ma johorgux fl-arja, ix-xhud qal li kienu jghattu bit-terrapien. Ix-xhud spjega ukoll ghas-sena 1998 u 1999, it-terrapien beda jitkisser halli jigi izghar. L-iskart inkluz it-terrapien kien jigi mwitti b'zewg bulldozers li kienu fuq il-post 24 siegha. Dwar il-kontrolli ta' xi skart li jintefa' ix-xhud spjega li t-trakkijiet Refuse collection Vehicles (RCVs) li jġorru skart mid-djar, huma reġistrati mad-dipartiment tal-ambjent u min irid jarmi skart iehor ghandu l-ewwel igib permess mid-dipartiment tal-ambjent.

Ix-xhud kompla jispjega li verifiki dwar x'materjal it-trakkijiet RCVs ghandhom ma jsirux. Ikompli jghid hekk "li jkunu jafu biss huwa dawk it-trakkijiet li jigu mill-fabriki, from industrial premises ghax minn hemm jista jigu t-toxic waste, jiċċekkjaw ghax ikunu jafu li ġejjien minn hemmhekk u jaraw jekk ghandhomx permess."[30] Ix-xhud jikkonferma li *checking system* m'hemmx. Ix-xhud ikkonferma wkoll li ghar-radam ma kienx hemm permess partikolari. Ix-xhud qal ukoll li "waste li jigi mill-isptar meta l-inceneratur tal-isptar ma jkunx qed jahdem, waste mill-*abattoir* meta l-inceneratur hemm ma jkunx qieghed jahdem, waste li jigi mill-airport meta l-inceneratur ma jkunx qieghed jadhem. Jigifieri hemm kull tip ta' waste hemmhekk iva."[31] Ix-xhud ikkonferma li kien hemm ġrieden il-Maghtab, u skont ix-xhud huwa ovvju li ha jkun hemm il-grieden. Jghid li però hu qatt ma kellu ilmenti minn haddiema jew residenti tal-inhawi dwar ġrieden.

Il-Perit Cassar ikkonferma li l-Works Division ikkummissjonat rapport sabiex jigi stabbilit x'inhu dak l-iskart li qieghed jigi mormi hemm; il-Perit sejjahlu *scientific profile*. Meta gie mistoqsi jekk il-Greenpeace qattx ghamlu xi osservazzjonijiet, wieġeb li iva.

Il-Qorti tinnota li b'mod repettitiv ix-xhud qal li ittiehdet id-decizjoni li l-mizbla ghandha tinghalaq.

[30] Paġna 208 tal-proċess.
[31] Paġna 210 tal-proċess.

Dwar l-ghasafar u l-grieden x-xhud spjega li fil-mizbla m'hemmx problema li jkun hemm hafna ghasafar ghaliex l-iskart jitghatta, fir-rigward tal-grieden qal li fejn hemm l-iskart, anke skip li tkun ilha jumejn jew tlieta wkoll ikollha l-grieden. Fir-rapport mhejji minn dan ix-xhud f'Jannar 2000 bl-isem *A Solid Waste Management Plan for Malta: A 10-year Plan 2000-2009* inghad li:

"*5.1.3 [...] The Maghtab landfill, in particular receives municipal and industrial wastes, oily sludges, residues resulting from sewer cleaning operations, used batteries, used lubricating and edible oil, etc. Moreover, on those occasions when the respective incinerators at St Luke's Hospital and at the Malta Abattoir are non-operational, the landfill also receives untreated health-care and abattoir waste. In addition, abattoir and health-care waste not requiring incineration is also landfilled.*

*5.1.4 The two landfills [referring also to Tal-Qortin in Gozo] have been for some time operating close to their useful life span. Moreover, they both suffer from the absence of proper surface runoff and leachate control and none of them is equipped with landfill gas emission control measures. In addition, the daily cover and compaction of waste, which in the circumstances is the only remedy towards the control of gas emissions and fires, is not always effective. [...]"*[32]

Xehed **Paul Debono**, *Finance and Legal Director m*al-Greenpeace gewwa Malta. Huwa spjega li Greenpeace ikkummissjonat studju fl-inhawi tal-Maghtab. Jghid li tim ta' xjentisti gabru numru ta' kampjuni li intbaghtu l-Ingilterra ghall-analiżi. It-testijiet għamluhom *Chief Scientists* u gie skopert li hemm materjal tossika, principarjament dijossini, fil-hamrija. Studju iehor kien sar fis-sena 2002 rigwardanti żejt mormi fil-mizbla wara li gie mnaddaf *oil tanker* gewwa Drydocks. Ix-xhud jghid li b'mod repettitiv huma kkomunikaw mal-entitajiet governattivi, izda ghalkemm qatt ma

[32] Paġna 299 tal-proċess.

rċevew risposta diretta, b'mod mhux ufficcjali qalulhom li jafu bil-problema izda ma jistghu jaghmlu xejn.

In kontro-ezami ix-xhud qal li huwa mhux xjenzat imma ghandu sitt snin esperjenza fil-qasam tal-ambjent. Jghid ukoll li huwa ma jafx fejn qieghed ir-razzett Primrose Poultry Products. Dwar minn fejn ittiehdu l-kampjuni tal-hamrija, ix-xhud jghid li ma jafx imma jipprezumi li minn mad-dawra. Jghid li ttiehdu xi tmien kampjuni.

Xehed **Jesmond Mizzi**, resident gewwa l-Maghtab. Jghid li ilu joqghod hemm mis-sena 1993 jew 1994. Huwa qal li hemm assocjazzjoni bl-isem Maghtab Residents Association fejn inghaqdu r-residenti sabiex jaraw x'ser jiġri bil-mizbla. Jghid li kienu tkellmu dak iz-zmien mal-Ministru Zammit Dimech fejn kien accertahom li l-mizbla kienet ser tieqaf. Qal li l-istess Ministru kien qalilhom li meta nissihbu fl-Unjoni Ewropeja, il-mizbla kienet ser tieqaf topera. Però ix-xhud jghid li flok waqfet, inbidel il-process. Jghid li huma kienu jattendu diversi seminars sabiex jaraw x'kien qieghed isir, izda skont ix-xhud kien hemm hafna weghdiet izda qatt ma sar xejn. Is-Sur Mizzi qal li dak li jdejqu huwa l-hmieg li kien hemm minhabba l-mizbla u nuqqas ta' informazzjoni li kellhom bhal per eżempju ma kienux jafu jekk il-gassijiet li qeghdin johorgu mill-mizbla humiex tossiċi jew le. Ix-xhud ma setax jikkonferma x'tip ta' skart kien qieghed jintrema, huwa biss seta' jissuspetta. Ix-xhud lanqas ma kien cert f'konsegwenzi għandha l-mizbla fuq is-sahha, jghid li huwa jista' jassumi biss. Meta gie mistoqsi jekk kienx hemm ġrieden, ix-xhud qal hekk "nghid li ġrieden le, peress li l-grieden kienu jibqghu hemm gew. Peress li kienu jitfghu hemmhekk l-iskart tal-biccerija, kienu jibqghu hemm gew"[33].

In kontro-ezami ix-xhud qal li s-socjeta attrici m'hijiex membru tal-assocjazzjoni peress li m'hijiex residenti. Qal ukoll li l-interess kummerċjali mhux interess taghhom.

[33] Paġna 437 tal-proċess.

Resident iehor li xehed kien **Leli Baldacchino** fejn qal li hu ilu joqghod hemm xi hamsa u erbghin sena. Jghid li huwa membru fl-assoccazzjoni tar-residenti izda m'huwiex fil-kumitat. Jghid li l-mizbla kkawżat "qtugh ta' nifs lil kulhadd,dubbien, nemus, ġrieden, trakkijiet ta' żibel li nittmu kullimkien, tajn, duhhan u issa gassijiet."[34] Jghid li huwa ra kull tip ta' skart jintrema hemm inkluz barrin u hniezer. Huwa jghid li ma jafx jekk hemmx kontrolli però t-trakkijiet jiccekkjawhom billi jittawlu fit-trakk izda l-kontenut ma kienx jigi mifli.

In kontro-ezami ix-xhud qal li huwa joqghod xi sitt mija jew seba' mitt metru 'l boghod mill-mizbla. Jghid li fis-sena 2004 itihdulu mal-hdax-il tomna raba li kienet ghandu bi qbiela sabiex tintradam bil-mizbla, liema raba kienu mimlijin siġar tal-harub antik u siġar taz-zebbug.

Xehed **Carmelo Borg**, ħaddiem ġewwa l-mizbla ghal fuq minn hmistax-il sena fejn xoghlu huwa li jqassam ix-xoghol. Ghall-mistoqsija jekk hemmx kontrolli fuq dak li jidhol fil-Maghtab, ix-xhud jghid li iva, filwaqt li trakkijiet tal-iskart tad-djar ma jiġux iċċekkjati però trakkijiet bil-materjal tal-kostruzzjoni m'ghadhomx jintremew hemmek. Jghid li ġieli gew browsers tal-fabrika tal-jeansijiet però dawk ghandhom hofra ghalihom. Jghid li wara li sirna membri tal-Unjoni Ewropeja, l-affarijiet trangaw hafna u dan ghaliex qabel kollox bl-addocc kien jintrema. Jghid li *sludge* tad-Drydocks m'ghadux jintrema hemmhekk. Skart tal-biccerija però kien u ghadu jigi depozitat il-Maghtab izda mhux annimali shah ghalkemm qabel ma sirna Membri mal-Unjoni Ewropeja, kienu jintremew annimali shah. Skart tal-isptar m'ghadux jidhol. Ix-xhud ikkonferma li fil-passat kellhom problema ta' ġrieden però din naqset hafna.

Is-soċjetà attrici resqet lil **Dr. Lino Vella** bhala x-xhud taghha. Dr. Vella kien jiehu hsbieb mil-lat amministrattiv is-servizzi veterinarji tal-biccerija sa mis-sena 1974. Spjega li l-iskart tal-biccerija u dawk l-annimali mejta li

[34] Paġna 442 tal-proċess.

kienu jġibu l-produtturi biex jintremew kienu jigu trasportati minn kuntrattur privat li kien jahdem il-mizbla tal-Maghtab.

In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li ma kienx isir trattament fuq il-karkassi u l-annimali mejta qabel ma dawn jinġarru u jittiehdu l-Maghtab. Id-deċizjoni fejn jintremew kienet ittiehdet mill-*management* tal-Maghtab. Jghid li din il-procedura ghadha tintuża però il-fdalijiet ma jiġux midfuna taht it-terrapien. Ix-xhud qal li qabel l-2004 kien ikun hemm individwi li kienu jġorru *organic waste* direttament lejn il-Maghtab u dawn kienu jinvolvu, fil-maggor parti, l-bicceriji privati u dawk li kienu jrabbu t-tigieg tal-bajd li, wara li jkunu wżaw it-tigieg ghal sentejn, kienu joqtluhom u jitfawhom il-Maghtab.

Xehed l-**Onorevoli Dr. Francis Zammit Dimech** fejn qal li huwa kien inkarigat mill-Ministeru tal-Ambjent mill-1998 sal-2003 u taht dan id-dikasteru kellu l-Mizbla tal-Maghtab. Jghid li l-Gvern dejjem irrikonoxxa illi l-Maghtab kienet facilita mehtiega ghad-disponiment tal-iskart però l-fatt li kienet hemmhekk mis-sena 1977 kien ifisser li kienet mehtiega strateġija gdida ghall-immanigggjar tal-iskart fil-pajjiz u kien ghalhekk li gie ippubblikat ktieb bl-isem *Waste Management Stratagies for the Maltese Islands.* Ix-xhud qal li qabel ma lahaq Ministru ghal Ambjent hu, l-iskart kollu kien jigi mormi hemm u jindifen taht terrapien minhabba l-irwejjah. Spjega li fuq bazi regolari kien ikun hemm, kemm jista' jkun, immaniġġjar tas-sit biex wiehed jimminimizza l-inkonvenjent. Dwar jekk il-Greenpeace qattx ikkomunikaw mieghu, Dr. Zammit Dimech qal li l-Greenpeace ghamlu l-allegazzjoni f'forma ta' rapport bil-miktub li kien hemm xi materjal tossiku li kien qieghed jintrema l-Maghtab. Skont ix-xhud dawn l-allegazzjonijiet kienu jehtiegu verfika ghaliex l-analizi taghhom ma kienx jaqbel ma' l-analizi li kellu min-nies teknici fuq is-sit. Dwar jekk kienx hemm il-prattika li l-iskart jigi mahruq, ix-xhud qal li safejn jaf huwa dik il-prattika kienet twaqqfet bejn l-1987 u l-1996. Huwa qal li bhala Ministru kien tal-fehma li l-mizbla tal-Maghtab ghandha tinghalaq u dan ghaliex il-mizbla ma kellhiex tikber bhala muntanja. Dwar l-iskart tossiku x-xhud qal li kien irrizultalu li kien hemm materjal tossiku, però fil-livell ta' *policy*,

dejjem kien tal-hsieb illi l-materjal tossiku ikun mizmum separat minn materjal iehor. Ix-xhud qal li kienet waslitlu informazzjoni li l-Maghtab iggernerat problema ta' ġrieden.

Xehed **Publius Formosa**, *foreman* fuq *parent stock* mas-socjeta attrici ghal 35 sena. Jghid li kemm kienet ilha li nfethet il-mizbla, il-kwalità u l-produzzjoni tat-tigieg marret ghal aghar kaġun ta' kwantità ta' ġrieden li kienu jpassu mill-mizbla ghar-razzett. Jghid li huma kienu qabdu kumpanija sabiex jivvelenaw barra l-imhazen u dan ghaliex gewwa ma setax jitqieghed valenu. Nonostante dan, ix-xhud jghid li xorta kienu jibqghu infestati bil-grieden tant li c-*chain feeders* tal-ikel kienu jkunu mimlija ġrieden. Il-grieden kienu jieklu l-pajpijiet tad-*drinkers* u jfawwru l-mhazen. Jghid ukoll li minn sitt tunnellati ġwież jekk kien jibqalhom tunnellata u nofs ġwież kien ikun hafna. Ix-xhud qal hekk: "l-imwiet fit-tigieg kienet xi haga allarmanti. Meta jkun hemm din il-kwantità ta' ġrieden, jiġru mal-farm kollu, titlef hafna tiġieġ, titlef il-*production* u titlef il-fertilita. Konna narmu tiġieġ bid-*dumpers*."[35] Ix-xhud qal li minhabba din is-sitwazzjoni, ir-razzett ghalaq.

In kontro-ezami x-xhud spjega li huwa m'ghandux kwalifici akkademiċi sabiex jiehu hsieb il-*parent stock* izda tghallem minghand ta' qablu. Kien certu Dr. John Rosser li kien jahdem mas-socjeta attrici li kien harrgu. Qal ukoll li f'dan il-farm kienu jrabbu biss *parent stock* u l-ebda tip ta' tigiega ohra. Qal ukoll li safejn jiftakar hu, ir-razzett tal-Maghtab inghalaq fl-1996 u wara mar jahdem fir-razzett li s-socjeta attrici kellha Targa Gap. Qal li wara xi 4 jew 5 snin, ir-razzett ta' Targa Gap ghalaq ukoll u dan ghaliex ma kienx ekonomikament vijabbli meta jigi meqjus li l-Maghtab kienu jrabbu 35,000 tigiega, filwaqt li Traga Gap kienu jrabbu 3,000 u Bezbizija kienu jrabbu madwar 3,500. Ix-xhud qal li qatt ma kellhom veterinarju di sentu imma meta kien jinqala l-bzonn huma kienu jgiebu veterinarju u fil-fatt jghid li meta kien hemm il-mard bhal pesta, IB, E-Coli u Typhoid kienu ġabu veterinarju. Ix-xhud qal ukoll li kienu jiehdu t-tigieg diversi drabi fil-

[35] Paġna 515 tal-proċess.

laboratorju tal-Gvern u jghid li kienu qalulhom li t-tigieg kellhom is-salmonella minhabba l-hmieg tal-grieden.

Ix-xhud kompla x-xhieda tieghu u ppreciza li Rosser kien telaq mis-socjeta attrici fis-sena 1989 u warajh gie Kevin Bachelor li kien impjegat mis-socjeta attrici u li dam ghal xi 3 snin. Imbaghad gie Kirby li dam sena u wara gie Andy Ormsby u Graham Gibbons li dam xi 4 jew 5 snin. L-ahhar wiehed kien Peter Millington u dam sakemm ghalaq il-farm. Dawn kollha kienu *farm managers*.

In kontro-ezami x-xhud qal li safejn jaf huwa dawn in-nies ma kienux veterinarji izda kellhom esperjenza kbira u speċjalizzati fuq *parent stock* li jkunu rakkomandati mid-ditta li jkunu xtrat minn ghandhom it-tigieg.

Fl-20 ta' Dicembru 2007 gie pprezentat mill-konvenuti l-affidavit ta' **Francis Farrugia**, irtirat izda kien impjegat bhala Principal Veterinary Support Officer mad-Divizjoni tal-Ikel u Servizzi Veterinarji mal-Minsiteru ta' l-Affarijiet Rurali u Ambjent. Jghid li f'dan id-dipartiment huwa kien inkarigat mit-trobbija u produzzjoni tat-tjur u l-fniek u kien ilu hekk impjegat minn Gunju 1965. Jghid li huwa beda l-impjieg tieghu bhala Laboratory Assistant flimkien mas-superjuri Dr. Bob Crowther. Ix-xhud jghid li huwa jaf lid-Direttur tas-socjeta attrici mill-bidunett tal-progett taghhom. Jghid li fiz-zminijiet tal-ahhar tas-sittinijiet u anke wara huwa kien imur flimkien mal-principal tieghu Dr. Bob Crowther sabiex izuru r-razzett ta' Primrose kull meta kienu jkunu mitluba sabiex jaghmlu hekk kif ukoll kull darba li kien ikollhom problema ta' mard.

Jghid li dak iz-zmien kien jiehu hsieb ir-razzett Albert Borg, però wara li gie nieqes il-kumpanija impjegat diversi *farm managers* barranin. Jispjega li "kull meta kien ikun hemm xi problema ta' mortalita li ma kinetx normali, il-persuni li kienu jimmaniġġjaw il-farm kienu jġibu tiġieġ mejta fil-laboratorju sabiex issir awtopsja u nvestigazzjonijiet sabiex jinstab xi tkun ir-raguni tal-mortalita. Hafna drabi kien ikollna naghmlu spezzjoni fuq il-

farm peress li ma kien jirrizulta xejn li kien ikollu x'jaqsam ma' mard."[36] Jghid li r-razzett tas-socjetà attrici kien sabiex jitrabba tajr imsejjah *parent stock*, li huwa tajr soffistikat hafna f'dik li hi trobbija u li ghandhom hajja normalment madwar 16-il xahar. Jispjega li minn jiehu hsieb dawn it-tip ta' tjur ghandu jkun imharreg sew. Jispjega wkoll li dawn it-tjur jehtiegu iżolament strett minn tjur ohra u minn trobbija ghal ohra, tant li hemm is-sistema maghrufa bhala *all in all out* sabiex il-post jilhaq jigi mnaddaf u disinfettat kollu u mholli biex jistrieh tal-anqas tlett ġimghat u dan sabiex jigi eliminat kontaminazzjoni minn partita ta' tjur ghal ohra. Jghid li minn fejn jaf hu din is-sistema bdiet tintuża mis-socjeta attrici fit-tmeninijiet u snin wara li d-Dipartiment kien ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu f'dan ir-rigward.

Qabel dan iz-zmien din ma kinitx issir u dan ghaliex id-Diretturi kienu nfurmawh li huma kien ikollhom bzonn il-bajd sabiex jissupplixxu flieles skont id-domanda, anke tul dawk it-tlett ġimghat ta' mistrih rakkomandati minnhom. Jenfasizza li "ma kienux direttivi ta' maniġġ u igiene tajbin u li żgur li holqu problema ta' mard."[37] Jghid ukoll li ma kienx maniġġ u igene tajbin meta l-imhazen il-godda li nbnew bdew jintużaw ghal *parent stock* – li kien jinżamm fl-art fuq ic-cana - kif ukoll ghal tiġieġ kummerċjali li kien jinżamm fil-gageg.

Skont ix-xhud dan kien żball kbir u dan minhabba li l-istess nies li jiehdu hsieb il-*parent stock* kienu qeghdin jiehdu hsieb it-tigieg kummerċjali u peress li dawn jidhlu minn post ghall-iehor skont il-htiega tax-xoghol, dawn jistghu igorru mard maghhom u hekk isehh *cross contamination*. Jispjega wkoll li kien hemm il-probabilita' li jekk fit-tiġieġ kummerċjali tiżviluppa marda, kien faċli li l-*parent stock* jiehdu din il-marda nonostante li dawn kienu jitrabbew f'imhazen differenti. Ix-xhud kompla jghid hekk:

---

[36] Paġna 641 tal-proċess.
[37] Paġna 642 tal-proċess.

"Sakemm nista' niftakar jien, il-problema ta' mard li l-aktar kienu jolqtu lit-tjur tal-kumpanija Primrose kienu E.Coli, Coccidiosis u Salmonella Pullorum. Rigward il-problema tas-Salmonella nitkellem aktar f'dan ir-rapport. Rigward il-problema ta' E. Coli, nghid li hija marda komuni hafna fl-annimali kollha pero l-aktar fit-tjur u aktar u aktar fil-Parent stock. Ir-raguni hija li din il-marda fil-maggoranza tal-kazi tkun ragun ta' STRESS żejjed. Fit-trobbija tat-tjur STRESS huwa wiehed mill-kaguni komuni li jaghti lok ghal mard, u ser naghti eżempju ta' ċirkostanzi li joholqu stress fit-tjur: Storbju żejjed mhux regolari, nuqqas ta' ilma jew ghalf jew ghalf ghal tul ta' hin, spazju nieqes jew hafna tjur fi spazju zghir. Minhabba dawn ir-ragunijiet msemmija, l-infezzjoni ta' E.coli tista tinfirex malajr [...]"[38].

Ix-xhud jghid li minn dak li jiftakar hu, is-soċjetà attrici kellha rata ta' mortalita gholja f'sajf partikolari li ma jiftakarx eżatt ta' liema sena izda li kien qabel id-disghinijiet, liema mewt gie kkawżat minhabba shana qawwija li kienu laqtu l-gzejjer Maltin u peress li dawn huma tjur sofistikati kienu hadu kedda bis-shana.

Farrugia ghamel referenza wkoll ghall-infezzjoni Coccidiosis li hija infezzjoni fl-imsaren tat-tigieg però m'hix marda kaġunata minn xi batterji jew virus. Jghid li din hija infezzjoni li meta ma tkunx intraccata kmieni mill-bidu, din tohloq mortalita ta' aktar minn 30% u tinfirex malajr u dan minhabba li l-istess infezzjoni u parassiti ta' din l-infezzjoni ssib ruhha fil-hmieg tat-tigieg. Peress li t-tigieg jinzammu fl-art, dawn xi ftit jew wisq innaqqru dak ta' tahthom u awtomatikament jiehdu l-infezzjoni. Filwaqt li l-medicina ghal E. Coli idum madwar hames jew sebghat ijiem sabiex tibda tahdem, fil-kaz tal-Coccidiosus ghandha bejn tmienja u tlettax-il ġurnata. Ix-xhud osserva li fl-irziezet l-ohra tas-socjetà attrici, cioe f'dak ta' Targa Gap kif ukoll f'tal-Besbesija, kien hemm l-istess problemi li semmew aktar 'il fuq u minhabba l-metodu li kienu qeghdin jitmexxew l-irziezet kien qieghed jaghti lok ghal *cross contamination* u dan peress li fil-Maghtab kien

[38] Paġna 644 tal-proċess.

ikun hemm *parent stock* antik filwaqt li kien qieghed jinġieb *parent stock* gdid minn Targa Gap.

Ix-xhud jghid li r-rizultati tal-laboratjru taghhom kien qieghed jigi kkonfermat minn Dr. Emmanuel Agius li kien il-kap tal-laboratorju Batterjologiku fl-Isptar St. Luke's. B'referenza ghar-rapport ta' Dr. Landman jghid li dan tal-ahhar semma madwar 34 marda li l-grieden jistghu iġorru però jghid li minn dak li jiftakar hu, l-ebda wahda minnhom ma kien hemm fuq ir-razzett ghajr ghal dawk li semmghu aktar 'l fuq.

Ix-xhud Farrugia jghaddi sabiex jittratta fid-dettal is-Salmonella Pullorum, cioe salmonella tat-tigieg. Dak li jġorru l-grieden hija Salmonella Typhimurium. Skontu "il-problema tas-Salmonella li kien ikun hemm kienet kaġunata mill-programm ta' vaċċinazzjoni li hu konfermat mir-rapport ta' Dr. Landman. [...] wiehed ma ghandu qatt juza vaccine tas-Salmonella fuq *parent stock* sakemm din il-marda ma tkunx endemika u fil-konfini ta' fejn ikun jitrabba l-*parent stock* jew inkella fil-pajjiz kollu. L-uzu ta' dan il-vaccin jaghti riżultati inċerti meta jkun qieghed isir xoghol ta' investigazzjoni fil-laboratorju."[39]Ikompli jghid li l-batterja preżenti fil-vaccin kienet tghaddi mill-*parent stock* ghall-bajda tat-tifqis u naturalment ghall-fellus.

Rigwardanti d-distanza li hemm bejn il-mizbla u r-razzett, ix-xhud jghid li Dr. Landman kien skorrett ghaliex minn *aerial photo* tal-inhawi tal-Maghtab estratt mid-dokumenti li jinstabu fid-Dipartiment tal-Agrikoltura, fl-Ghammieri, jirrizulta li d-distanza hija ta' 910 metru. Jghid ukoll li huwa jinnota li r-razzett ta' Primrose huwa l-aktar wiehed 'il boghod mill-mizbla u bejn ir-razzett taghhom u l-mizbla hemm diversi rziezet ohra kemm tal-baqar, tal-majjali, tat-tigieg u tal-fniek u dawn kollha huma eqreb tal-mizbla, xi uhud jinsabu mal-mizbla. Skont ix-xhud, huwa jghid li ma jiftakarx li f'dawk l-irziezet kien hemm problemi relatati mal-mizbla, anzi kien hemm rziezet godda li nbnew f'dawn l-ahhar ghoxrin sena u ohrajn li kabbru. Dwar

[39] Paġna 646 tal-proċess.

il-kumment ta' Dr Landman dwar il-fatt li r-razzett tas-socjetà attrici kien espost ghal *airborne particles,* ix-xhud josserva li l-irziezet l-ohra, li huma fl-istess akwati tal-mizbla u li jaqghu f'irjihat komuni li jahkmu lil Primrose kienu esposti ghall-istess problema, però jghid li huwa qatt ma sema ilment bhal dak tas-socjetà attrici minghand xi farm iehor fl-inhawi tal-Maghtab.

Skont ix-xhud il-problemi li qieghda taghmel referenza ghalihom is-soċjetà attrici kienu ezistenti sa mis-sittinijiet, qabel ma kienet teżisti l-Maghtab. Ix-xhud jghid li nonostante li l-mizbla ghadha hemm, ir-razzett gewwa l-Maghtab qieghed jintuza sabiex jitrabbew fih tiġieġ tas-simna, u minn dokumenti li huwa ppreżenta jirrizulta li t-trobbija kienet wahda tajba u stabbli u li ghal kull trobbija, is-soċjetà attrici kienet tirċievi flus bhala sussidju.

Farrugia jghid ukoll li sal-ahhar tas-sena 2005, il-kumpanija attrici kienet in parti timporta l-bajd tat-tifqis u in parti tipproducih hi stess. Ix-xhud jikkonkludi li minn dak li jiftakar hu, ir-razzett li kien irabbi *parent stock* li jinstab fil-limiti ta' Burmarrad ma kienx ikollu problema ta' maniġġ bhalma kellu Primrose u ghalhekk ma kinitx tbaghti minn problemi ta' mard. Fl-opinjoni tieghu, il-problema principali tar-razzett kienet in-nuqqas ta' maniġġ tajjeb.

Mid-dokumenti ippreżentati ma' dan l-affidavit jidher li mad-dawra tal-mizbla hemm 11-il razzett tat-tigieg, 5 tal-fniek, 3 tal-baqar u 5 tal-majjali.

Francis Farrugia ppreżenta t-tieni affidavit tieghu fejn mieghu annetta numru konsiderevoli ta' dokumenti. Dawn id-dokumenti jaghtu informazzjoni dwar in-numru ta' flieles li jkunu attwalment gew provduti lir-rahhal skont informazzjoni moghtija lid-Dipartiment mill-*hatchery* ta' Primrose Ltd innifisha.

Ix-xhud josserva li fis-sena 2004 il-*hatchery* kienet qieghda tipprovdi 4100 fellus meta lanqas kien hemm awtorizzazzjoni ghalihom; osserva wkoll li

kienu gew skartati 6430 u 7271 bajda li skont l-opinjoni tax-xhud huwa "eżempju car ta' nuqqas ta' maniġġ tajjeb fil-kumpanija ta' Primrose."[40]

Jghid ukoll li huwa osserva li Primrose kienet qieghda tbiegh aktar flieles milli kienet qieghda timporta bajd. Jghid li fl-14 ta' Settembru 2004, id-Direttur Generali Carmel Lino Vella talab spjegazzjoni ghad-diskrepanzi inkluz in-numru ta' bajd li kien qieghed jigi dikjarat mormi. Fit-23 ta' Settembru 2004, is-soċjetà attrici rrispondiet u spjegat id-diskrepanza kif ukoll li sabu l-problema li kienet qieghda tikkawża numru kbir ta' rami ta' bajd.

In kontro-ezami x-xhud qal li huwa m'ghandux degrees li ghandhom x'jaqsmu mal-veterinarija però ghandu kwalifika mill-Universita ta' Novi Sad tal-Yugoslavia dwar *production of poultry meat and eggs* u din akkwistaha wara li attenda kors appozitu. Jghid ukoll li huwa ghamel kors iehor gewwa l-Germanja li kien jirrigwarda t-tejorija u l-prattika fir-rigward tat-tigieg, li jahbat huwa l-istess kors li jaghmlu l-veterinarji wara li jlestu l-istudji taghhom. Meta gie lura Malta huwa hadem fil-qasam tat-tjur u fniek, però meta beda jahdem mal-Gvern huwa kien jahdem fil-laboratorju tal-biccerija u hemm kien ikollhom kampjuni ta' majjali, tigieg u fniek biex jigu ittestjati. Jghid li huwa personalment qatt ma kien responsabbli direttament fit-trobbija ta' *parent stock* izda kien parti mill-kors li attenda gewwa l-Germanja.

Dwar ir-razzett tas-socjeta attrici, ix-xhud spjega li dan ir-razzett kellu diversi kmamar ta' *standard* gholi minn *huts*. Jikkonferma li dan ir-razzett kien l-akbar wiehed f'Malta u dan ghar-rigward ta' volum kif ukoll bhala *breeding space*. Ix-xhud ma jaqbilx li l-kmamar tar-razzett wara li jkunu tnaddfu ikunu thallew vojta minimu ta' 3 gimghat u ġieli anke 6 xhur. Dwar dan ix-xhud jghid li l-managers tar-razzett kienu jghidulu li kienu jdahhlu tigieg gdid f'perjodu qasir minn meta jkun sar it-tindif u dan il-perjodu kien ikun ta' madwar 3 gimghat.

[40] Paġna 934 tal-proċess.

Waqt il-kontro-ezami x-xhud ikkonferma li huwa qatt ma ra *parent stock* u *commercial layers* f'daqqa. Is-Sur Farrugia jaqbel li l-*parent stock* għandu jinżamm *stress free* minhabba l-produttivita u jikkonferma li ġrieden jistghu jikkawżaw stress fit-tigieg kif ukoll stress indirett jekk il-grieden igerrmu l-pajpijiet tal-ilma. Jikkonferma wkoll li jekk ic-cana mxarrba tithalla taht it-tigieg ghal hin twil din tista' tikkawża stress. Jghid li l-akbar problema li tista' tinholoq b'din is-sitwazzjoni ma huwiex l-istress proprju però hija marda li tista' tkun konsegwenza tac-cana mxarrba. Ghal mistoqsija jekk razzett jistax ikun *rat proof* ix-xhud jghid li iva u dan billi jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha fil-bini tal-mahzen l-aktar fil-pedament. Però jghid li ġurdien tal-imramma jista' jidhol xorta jekk ikun hemm *entrance point*.

Dwar dak li qal fl-affidavit li jkun hemm mortalita kbira huwa ried ifisser sitwazzjoni fejn tmur u tara hafna tigieg mejta fuq xulxin. Meta mar fir-razzett tas-socjetà attrici u ra hekk kien jaf ukoll li kien hemm mortalita kbira ohra f'diversi rziezet ohra b'kagun ta' *heatwave* li kien hemm dak iz-zmien.  Jaqbel li kien hemm okkazzjoni ohra fejn fir-razzett tas-socjetà attrici kien hemm rata gholja ta' mortalita izda mhux daqs dik imsemmija qabel. Dawn il-kazijiet sehhew wara s-snin disghin.

Dwar il-marda tal-coccidiosis, ix-xhud jghid li din tigi kkawżata minhabba stress. Ix-xhud jaf ukoll li s-socjeta attrici kienet timporta l-medicini tat-tjur. Jaqbel ukoll li s-socjeta attrici kienet tiehu hsieb tlaqqam b'kull vaċċin li kien fis-suq u li solitament jinghata lil *parent stock*. Meta gie mistoqsi jekk jistax jaghti l-kaz li meta meqjusa t-tlett irziezet, il-mard fit-tigieg li kien hemm fir-razzett tal-Maghtab kienx ikkaġunat mill-mizbla ix-xhud qal li ma jistax jeskludiha mija fil-mija.

In kontro-ezami x-xhud jghid li fil-fehma tieghu t-tip ta' salmonella li kien fir-razzett tas-socjetà attrici kienet dik tat-tip Pollarum li skont ix-xhud tista' tinġarr mill-grieden. Waqt il-kontro-ezami mizmum fl-20 t'Ottubru 2010 ix-xhud jghid li huwa erronjament indika li d-distanza bejn ir-razzett u l-mizbla kienet ta' 750 metru però minn kalkolu kompjuterizzat jirrizulta li d-

distanza hija ta' 910 metri li huwa mid-dahla tar-razzett sad-dahla tal-mizbla. Jaqbel izda li minn fejn jghaddu t-trakkijiet ghal miżbla huwa fil-qrib tar-razzett. Ix-xhud jinsisti li viċin aktar tal-mizbla hemm rziezet ohra (l-ebda *parent stock*) li però qatt ma lmentaw bl-istess mard bhal dak li lmentat minnu s-socjeta attrici.

Il-konvenuti resqu lil **Jon Russer**, ġurnalist izda ghandu Diploma fir-rigward tat-tigieg u kien involut fit-tmexxija tal-irziezet tas-socjetà attrici. Jghid li huwa beda jahdem mas-socjeta attrici fis-sena 1968 u waqaf fis-sena 1989 u li xoghlu kien is-supervizjoni tat-tigieg kemm *breeding* kif ukoll *layers.* Ix-xhud qal hekk

"*during my time with plaintiff company, I used to be faced with various problems, because there were always problems with poultry, such as ventilation, overcrowding, and the diseases which arise from these problems. Initially the accommodation built for the breeding stock where completely the wrong sort for Malta. It was really a question of get on with it and do the best you could with what you had. I'm referring here to the Maghtab Farm. Eventually some of the parent stock were transferred to Targa Gap, which was not custom built but was better in the sense that there was more ventilation. With regards to overcrowding, the problem was still there.*

*In Maghtab there were the laying breeding stock and the broiler breeding stock very close to the commercial stock, which is something you don't want. When I stated that they were very close to each other, I mean not in the same hut, but maybe thirty to forty meters away from each other. Obviously if the wind is coming from the direction of the sea and there are problems in one particular hut, then obviously they may transfer to the other hut in the wake of the wind. Obviously, this is with regards to some of the diseases, since not all of them are windborne."*[41]

[41] Paġna 770 tal-proċess.

Ix-xhud kompla jispjega li kienu jittiehdu mizuri sabiex jigi determinat x'kienet il-problema u sabiex jigi determinat x'kien il-kagun u dan billi jibghatu kampjuni gewwa laboratorji barranin. Jghid li wiehed mill-aqwa veterinarji tat-tigieg, Cliff Stuart, gie Malta u kien imwerwer b'dak li ra. Ix-xhud jghid li l-espert kien qallu li qatt ma ra tigieg jinzammu f'dawk il-kundizzjonijiet. Ma kienx xoghol Dr. Stuart li jaghmel suġġerimenti. Dwar investimenti x-xhud jghid li s-socjeta attrici ghamlet hafna minnhom imma kienu f'tipi żbaljati. Jghid li l-*huts* li kienu qeghdin jinbnew kienu tajbin ghall-Ewropa ta' Fuq imma ma kinux tajbin ghas-shana ta' Malta. Jghid li huwa ghamel is-suggerimenti tieghu lill-*management* tas-socjetà attrici u reazzjoni taghhom kienet li qeghdin jintefqu hafna flus u ghandek tkun kuntent.

Ix-xhud qal li Dr. Stuart ha l-kampjuni mieghu l-Ingilterra u r-rizultat kien li l-problemi principali kienu "*overcrowding, respiratory problems and bacterial infections*."[42] Ix-xhud jghid li saru testijiet Malta izda l-makkinarju ta' Malta ma kienx sofistikat daqs dak tal-Ingilterra. Jghid li l-ispazju li kull *breeding stock* ried ikun ta' tlett pied kwadru ghal kull tigiega; fir-razzett tas-socjetà attrici kull tigiega kellha anqas minn hekk. Ghalkemm ix-xhud ghamel suġġerimenti lis-socjeta attrici dawn mhux kollha kienu jittiehdu in konsiderazzjoni.

Dwar *overcrowding* ix-xhud qal li s-sitwazzjoni tjiebet lejn l-ahhar tal-karriera tieghu mas-socjeta attrici. Dwar *biosecurity* ix-xhud jghid li ghalkemm kien isir diżinfettar tas-saqajn, kien diffiċli tkun dogmatiku peress li kien hemm rziezet tat-tigieg ohra fil-vicinanzi. Dwar dan il-punt jghid ukoll li l-haddiema kienu jinghataw it-taghmir appozitu – hwejjeg sabiex titnaqqas ic-cans ta' *Cross-infection* – izda ġeneralment l-impjegati ma kienux jużawhom jew inkellha jbiddlu f'xi haga li jridu huma peress li ma kienux ikunu supervizjonati l-hin kollu. Il-haddiema tat-tlett irziezet tas-socjetà attrici kienu differenti. Il-haddiema fir-razzett tal-Maghtab kellhom

[42] Paġna 771 tal-proċess.

taqsimiet differenti izda ġieli kien ikun hemm il-htiega li l-haddiema jmorru f'taqsimiet differenti.

In kontro-ezami huwa gie muri ritratt u jghid li jirrikonoxxi r-razzett u l-*huts* li kienu nbnew u li fil-fehma tieghu ma kienux idejali ghal Malta u dan peress li kien mibnija fuq art *slightly above sea level* u b'soqfa relattivament baxxi. Huwa spjega li l-post ma kienx idejali ghal *breeding* stock u dan kellu jsir f'post aktar gholi fejn jolqtu aktar rih. Jghid li mhux il-*huts* kollha gew mibnija fuq l-istess livell. Jippreciza li zewg *huts* kellhom ventilazzjoni tajba izda l-ohrajn ma kellhomx. Jaqbel li dawn il-*huts* inbnew fi żmienu izda ma jaqbilx li gie konsultat fuq disinn. Meta gie mistoqsi jekk il-*huts* ghandhomx twieqi, ix-xhud jghid li uhud minnhom kellhom u ohrajn kellhom *baffles* (bhal ventilaturi). Ix-xhud jghid li ma jiftakarx jekk il-*huts* antiki kellhomx tieqa/ Meta gie mistoqsi ghaliex m'oggezzjonax ghad-disinn tal-*huts*, ix-xhud jghid li kien kollu ghalxejn meta meqjusa l-attitudni li dejjem inghata.

Meta gie mistoqsi jekk kienx hu li jiehu d-decizjoni ta' kemm tigieg kellhom jingiebu, huwa jghid li huwa kien jinforma lil John Borg u kien dan tal-ahhar li jiehu d-decizjoni ta' kemm ghandhom bzonn. John Borg ma kienx jippermetti li jinġabu ftit tigieg ghaliex ma jkunx finanzjarjament vijabbli. Ix-xhud spjega li jiftakar li kien hemm problema ta' ġrieden fir-razzett tal-Maghtab imma ma jiftakarx li kien hemm problema bit-tgerrim tal-pajpijiet tal-ilma. Jghid li "*I do recall incidents were there was flooding and also instances of wet litter, but this was caused by overstocking and humidity*."[43]

Xehed **Paul Spiteri**, li ghandu Diploma in Agriculture relatat mat-tigieg kif ukoll post graduate diploma mill-Kullegg ta' Barneville, gewwa l-Olanda u dan fir-rigward ta' Poultry Management. Fis-sena 1995 huwa kien qieghed jassisti bhala parti mill-istudju tieghu lil Mr Gibbons li kien impjegat mas-socjeta attrici. Jghid li huwa eventwalment kien ha post Mr. Gibbons u dam jahdem mas-socjeta attrici sas-sena 1997. Jghid li l-ufficcju tieghu kien fir-razzett tal-Maghtab. Sakemm kien impjegat hemm, kien hemm *commercial*

[43] Paġna 826 tal-proċess.

*broilers* u *broiler breeder stock* (*parent* stock) gewwa r-razzett tal-Maghtab. Il-*life span* ta' *parent stock* hija ta' sittin gimgha. Dawn it-tipi differenti ta' tigieg kienu jinstabu f'*huts* differenti u bejniethom kien hemm ghalqa tifridhom. Li kien jiġri hu li l-haddiema kienu jimxu min-naha ghal ohra.

Ix-xhud osserva li "fil-*huts* tal-*parent stock* kien ikun hemm *cycle* differenti ta' tigieg. Kien ikun hemm dawk li qed ibidu, dawk li kienu ghadhom qed jitrabbew u flieles godda. Ovvjament dan f'*huts* differenti. Idejalment però kien ikun ahjar kieku kellek post fejn trabbi u post fejn ibidu"[44] cioe rziezet differenti u mhux *huts*. Dwar ir-rata ta' mortalita fi żmienu, ix-xhud jghid li kien ikun hemm okkazzjonijiet fejn tohrog il-*coccidiosis* fil-*breeder stock* ta' eta zghira u din kienet tohrog peress li l-haddiema kienu jiccaqlaqu minn mahzen ghal iehor, u kienu jġorru l-*coccidiosis* maz-zarbun.

Meta gie mistoqsi dwar il-bini, ix-xhud jghid li uhud mill-*huts* kienu ilhom li nbnew u kien hemm xi difetti f'uhud mit-twieqi, fis-sens illi dawn ma kienux jinghalqu. Hafna mill-hsara kienet tigi mill-grieden li kienu jhaffru l-art. Is-soqfa ghalkemm kien isir manutenzjoni fuqhom xorta kien jidhol ilma minnhom. Jghid li però l-akbar hsara kienet bil-grieden li kien iqatta l-pajpijiet tal-ilma. Bhala pest control, li kien jiġri huwa li hu kien imur jiġbor il-velenu mill-ufficcju tal-Marsa. Jghid li l-velenu kien isir b'mod regolari. Kien hemm okkazzjoni fejn il-kwantità tal-velenu żdied proprju ghaliex kienu sabu numru ta' flieles mejta. Jghid ukoll li post kellu umdità li huwa hazin ghal friex tat-tigieg. Il-friex kien irid jinbidel b'mod frekwenti. Il-fatt li l-grieden kienu jqatghu l-pajpijiet tal-ilma setghet iżżid mal-umdità izda ma kienx il-kontribut ewlieni. L-indafa fil-*huts* kienet issir b'mod regolari, però l-*huts* tal-*parent stock* kien idum ftit vojt u dan sabiex jekk ikun hemm mard / mikrobi ikun lahaq miet. Skont ix-xhud dawn kienu jibqghu vojta ghal xahar jew xahrejn li huwa perjodu aktar minn dak rakkomandat.

Meta gie mistoqsi jekk kienx hemm *overcrowding* ix-xhud jghid li le. Però li kienet idejqu l-aktar kienet l-art umduza. Jghid li huwa qatt ma qal lid-

[44] Paġna 858 tal-proċess.

dirigenti tal-kumpanija biex ibiddlu l-art ghaliex hemm spiża kbira u wkoll ghaliex kien isib oġġezzjoni ghal plastic ghat-twieqi, li jiswa ferm anqas, ahseb u ara kieku ssuggerixxa li ghandha tinbidel l-art. Ix-xhud jghid li s-sajf igib il-problemi tieghu wkoll minhabba li s-shana m'hijiex tajba ghat-tigieg, apparti wkoll li l-*huts* l-antiki ma kienux idejali ghal skopijiet ta' ventilazzjoni.

In kontro-ezami x-xhud gie mistoqsi dwar *biosecurity.* Spjega li huwa dejjem ta direttivi sabiex ma jkunx hemm *cross contamination* izda mhux dejjem kienu jigu osservati dawn id-direttivi. Jghid li meta kien jinġarr il-bajd minn razzett ghal iehor dan kien isir go vann u ma kienx jinhasel. Meta kien hemm trasport ta' tigieg qabel ma jbid minn razzett ghal iehor dan kien isir go vann u dan ma kienx jinhasel anqas. Jghid ukoll li l-haddiema kienu jibqghu bl-istess hwejjeg li kienu jkunu libsin fuq ir-razzett l-iehor. Jghid izda li bhala *biosecurity* jehtieg li l-hwejjeg ikunu ndaf.

Ghall-mistoqsija jekk kienux jintbaghtu xi kampjuni ta' karkassi ta' *parent stock* lil xi laboratorju, ix-xhud jghid li ma jidhirlux li kien jiġri hekk, jghid li l-livell ta' mewt ta' *broilers* kienet aktar gholja minn tal-*parent stock*. Li kienu jibghatu l-laboratorju tal-Gvern kienu karkassi ta' *broilers* u fejn ir-rizultati kienu jvarjaw minn e-coli ghal stress. Ix-xhud jghid li ma jiftakarx jekk kienx hemm kaz ta' salmonella fir-razzett. Jghid li d-direttur tal-kumpanija dejjem laqqmu t-tigieg izda meta kienu jigu ghal spejjez ohra bhal ċana u plastik ghat-twieqi, kienu joqghodu lura.

Xehdet ukoll **Dr Susan Chircop** permezz t'affidavit fejn tghid li hija bdiet tahdem mal-Gvern fis-sajf tal-1993. Spjegat li dak iz-zmien ir-rahhala li kien ikollhom xi problema bit-trobbija tal-annimali, kienu jmorru direttament il-laboratorju tat-Taqsima tas-Servizz Veterinarju u hafna drabi kienu jmorru b'annimali inkluz tiġieġ. Meta ir-rahhal immur bl-annimal, kienet timtela formola b'informazzjoni moghtija mill-istess rahhal. Fir-rigward tat-tigieg, ix-xhud tghid li kienet titniżżel ukoll (a) x'tip ta' trobbija kienet, jekk humiex simna jew *parent stock*; (b) jekk inghatax mediċina; u (c) x'kienu s-sintomi li kienu qeghdin jaraw. Tghid li hija flimkien ma

veterinarju iehor kienu jaghmlu l-awtopsji. Tghid li mindu Malta dahlet fl-Unjoni Ewropeja, kien sar pjan ta' kontroll fuq mard differenti u l-irzizezet kollha jridu jigu kkontrollati regolarment ghall-mard. Spjegat li hemm hafna tipi ta' Salmonella però ta' importanza fit-trobbija tat-tjur ghaliex jittiehdu eskluzivament bejn l-ghasafar huma Salmonella pullorum u Salmonella gallinarum, liema ghandhom importanza kummercjali. Hemm ukoll dawk li jissejhu Salmonella zoonotiku li hija ta' importanza ghax jittiehdu min-nies. L-UE taghti importanza lit-tip Salmonella enteridis (li tittiehed l-izjed bejn l-ghasafar u minn bajd infettat) u Salmonella typhimurium tinġarr mill-grieden, insetti u annimali ohra, l-izjed fil-majjal). In risposta ghal dak li qal Dr. Landmann fir-rapport tieghu li Salmonella enteridits instabet fir-razzett tal-Maghtab biss minhabba numri kbir ta' firien u fl-ebda parti ohra ta' Malta, ix-xhud tghid li dan xejn mhu minnu tant li mis-sena 2009 sabu Salmonella enteritidis u Salmonella typhimurium kemm f'Ghawdex kif ukoll f'bosta rhula gewwa Malta, fosthom Rabat, Hal Luqa, Birkirkara, Qormi u Mellieha. Tghid li fid-disghinijiet ma kienx hemm kontroll estensiv bhal ma jsir issa u dak iz-zmien kienu jmorru biss ir-rahhala meta jkollhom bzonn wara li jkunu ilhom jippruvaw mediċini differenti. Tghid li l-uzu bla kontroll ta' mediċini jwassal sabiex ikun hawn aktar mikrobi reżistenti u mard frekwenti.

Fir-rigward tas-socjetà attrici, ix-xhud spjegat li mir-rekords taghhom sabet 26 kaz differenti f'perjodu ta' sitt snin u nofs (bejn 1994 sa 2001) meta s-socjeta attrici kienet hadet annimali l-laboratorju fejn 15 minnhom kienu dwar tiġieġ tas-simna u r-rimanenti kienu rigwardanti trobbija tal-*parent stock*. Tghid li kienu jmorru haddiema differenti b'tigieg mejta u kienu huma li jaghtu l-informazzjoni, ghalkemm mhux dejjem kienu jkunu jafu jaghtu tweġiba ghall-mistoqsijiet li kienu jsirulhom. Ir-rizultat mikrobiologiku kienu jghadduh billi jcemplu jew ilestu rapport biex imorru jiġbruh personalment, però mis-sena 1999 bdew jibghatu fax direttament lil George Borg. Ix-xhud tosserva li bhala vaċċin, apparti li t-tigieg inghataw dak li huwa normali ghat-trobbija tat-tigieg, ġieli taw il-vaccin *fuazolidone* li hija wahda mill-aktar vaċċini qawwija li kien hawn fid-disghinijiet "u meta tinghata ghal numru ta' granet mhux kif suppost, iżjed tohloq

problema. Din suppost trid tinghata ghal hames jew sitt jiem u mhux tlieta. Dan eżempju ta' maniggar hazin."[45] Ix-xhud osservat li fl-1997, il-formola li kienu jimlew kienet inbidlet billi żdiedet aktar informazzjoni bhal eżempju informazzjoni dwar jekk kienx hemm access ghall-annimali ohra jew jekk kienx qieghed isir xi kontroll ghal insetti u annimali ta' hsara. Ix-xhud tghid li kien hemm tlett każijiet li min gab t-tjur informahom li ma kienu jidhlu l-ebda annimali fl-imhazen u li kien isir kontroll bil-velenu u dan bejn is-sena 1998 u 1999, izda fiz-zewg każijiet tas-sena 2001, kien gie ddikjarat li kien ikun hemm il-firien li jidhlu u li ma kienx hemm kontroll bil-velenu.

Ix-xhud spjegat li kien jigi indentifikat il-mikrobu E-Coli li huwa mikrobu li normalment jinstab fl-imsaren tal-ghasafar imma f'kaz ta' stress jew maniġġjar hazin fit-trobbija, il-mikrobu jmur fis-sistema tal-annimal. Tispecifika li dan jiġri spiss jekk jinzammu hafna annimali iffullati.

Dr.Chircop tghid li l-ikbar problemi li kellha s-socjeta attrici kien fil-*parent stock* min-nofs is-sena 1998 sa Settembru 1999. Tghid li kien hemm kaz ta stress minhabba qtugh ta' elettriku fejn kienet giet informata li mietu 'l fuq minn 350 f'gurnata u wkoll meta t-tigieg kienu nstabu pożittivi ghas-Salmonella. Tkompli tghid li minn awtopsi li huma ghamlu rrizulta li kellhom każijiet ta' coccidiosi u fl-1994 kienu wkoll instabu li qeghdin iġorru l-mikorubu ta' Salmonella pullorum jew Salmonella gallinarium li ssoltu jittiehed minn ghasfur ghal iehor u ma titiehedx min-nies. Tghid li hija kienet marret mill-anqas darbtejn fir-razzett li ghandha s-socjeta attrici gewwa l-Maghtab. Tghid li hija tiftakar "li l-post kien jidher mitluq u mhux ikkurat u t-tigieg kienu jinzammu f'Nissen huts li kellhom dehra mitluqa u kien hemm hafna haxix hazin madwarhom. Dawn l-imhazen kienu maghmulin mill-pjanci u ma jkunux ideali fis-sajf li huwa tipiku ta' Malta peress li jkollna temperaturi gholjin u fil-kaz ta' dawn il-huts, peress li kienu bis-soqfa baxxi, jekk ma jkunx hemm sistema tajba ta' ventilazzjoni, malajr it-temperatura setghet titla' iżżejjed, b'konsegwenzi hziena ghat-tigieg. Il-

[45] Paġna 921 tal-proċess.

haxix hazin u mbarazz bejn u madwar l-imhazen jattira il-firien. Is-Servizzi Veterinarji jirrakkomandaw li jkun hemm il-konkos barra, biex ikun iżjed faċli li jsir kontroll fuq il-grieden u firien."[46] Ix-xhud tispjega li l-bicca l-kbira mill-awtopsji li kienu jsiru fuq it-tigieg tas-socjetà attrici kien irriżulta li kienu jkunu minhabba mmanigjar hazin, bhal shana żejda, iffullar jew parrasiti tal-imsaren. Ix-xhud taghmel referenza ghall-Avviz Legali 50 tal-1997 bit-titolu Regolamenti dwar Breeding Stock tat-Tjur li jelenkaw fl-ewwel skeda ir-regoli dwar il-kundizzjonijiet ideali dwar maniġġjar tajjeb tal-irziezet sabiex jilqghu ghall-mard.

In kontro-ezami x-xhud ikkonfermat li l-grieden u kull *pest* iehor igorr il-mikrobi u l-mard. L-informazzjoni li tat fl-affidavit dwar it-tip ta' mard u l-ammonti hija informazzjoni li ġabret minn rekords li kienet kitbet hi abbażi ta' informazzjoni li tkun inghatatilha mill-impjegati tas-socjetà attrici. Ix-xhud tikkonferma li ma jistax jitqieghed velenu fil-*huts* u tikkonferma wkoll li t-tigieg jitwerwru jekk ġurdien imur hdejhom. Hija spjegat li meta maret ir-razzett tal-Maghtab tas-socjetà attrici maret ghaliex kienet mitluba mid-diretturi tal-istess kumpanija u l-ghan ma kienx minhabba l-mard izda sabiex jigi eżaminat l-immanigjar. Tghid li huma kienu ghamlu kummenti u suggerimenti lis-socjeta attrici. Dr Chircop spjegat li jkun hemm miżbla hdejn razzett mhijiex ta' ghajnuna izda f'dak il-kaz "biosecurity trid tkun *tip top* u *up to standard* kuljum."[47]

Ikkunsidrat;

Fid-19 ta' Novembru 2009[48] is-soċjetà attrici ddikjarat li din l-azzjoni ta' danni tirrigwarda biss in-nuqqas ta' introjtu soffert minħabba l-problemi li ġew rinfaċċati fit-trobbija tal-*parent breeders* minħabba l-prossimita tal-miżbla għar-razzett u minħabba l-manjiera kif din il-miżbla ma ġietx immaġġinjata tul is-snin.

[46] Paġna 923 tal-proċess.
[47] Paġna 999 tal-proċess.
[48] Paġna 865 tal-proċess.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attrici**.

Din l-azzjoni hija msejsa fuq żewġ binarji: l-ewwel binarju huwa d-dannu li sofriet is-soċjetà attriċi u t-tieni binarju huwa l-leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

In-natura tal-azzjoni attriċi fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja hija ċirkoskritta mill-premessi u mit-talbiet attriċi. M'huwiex imħolli lill-Qorti d-diskrezzjoni li tikkunsidra l-azzjoni attriċi jekk mhux kif msejsa fl-att promotur.

Minn eżami tal-premessi fir-rikors ġuramentat kif ukoll tat-talbiet attriċi jirriżulta li l-atturi qed isejsu l-kawża minnhom intavolata unikament fuq il-fatt li l-awtoritajiet konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għal ħsarat li hija tallega li ġarbet meta fis-sebgħinijiet ġie deċiż li għandha tinfetaħ miżbla ġewwa l-Magħtab li tiġi fil-viċinanzi tar-razzett tat-tiġieġ tas-soċjetà attriċi.

Ikkunsidrat;

***Mhux leġittimu kontradittur***

Bl-ewwel eċċezzjoni l-konvenuti qeghdin jitolbu lill-Qorti tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lil Prim Ministru, lil Ministru responsabbli għal Ambjent u lil Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat, stante li dawn m'humiex leġittimi kontradittúri. Jinsistu li ai termini tal-Artikolu 181B, il-Gvern huwa suffiċjentament rappreżentat mid-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet.

L-**Artikolu 181B tal-Kapitolu 12** jipprovdi li

"(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."

Mill-qari ta' dan l-artikolu jirriżulta ċar li l-għan tiegħu huwa li fi proċeduri ġudizzjarji l-Gvern ikun rappreżentat mill-Kap tad-Dipartiment involut, u fejn tali rappreżentazzjoni mhux possibbli minħabba n-natura tat-talba, huwa l-Avukat tal-Istat li għandu jidher għal u jgawdi rappreżentanza residwa ta' l-istess Gvern.

Sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha fir-rigward ta' min għandu *locus standi* jeħtieġ li primarjament tirreferri għat-talbiet tas-soċjetà attriċi. Fil-każ odjern is-soċjetà attriċi qiegħda titlob dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għal danni li hija sofriet minħabba l-ftuħ tal-miżbla. Titlob ukoll lill-Qorti tiddikjara li kien hemm leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha sanċit fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u jekk fl-affermattiv jiġi iffissat rimedju inkluż kumpens xieraq.

Fiż-żmien meta din l-azzjoni ġiet intavolata, ir-responsabbiltà tal-miżbla kienet f'idejn id-Direttur Ġenerali ta-Xogħlijiet u dan kif ikkonfermah l-istess Direttur il-Perit Vincent Cassar fix-xhieda tiegħu. Għalhekk sabiex il-ġudizzju jkun wieħed integru u jiġu salvagwardati l-interessi tas-soċjetà attriċi jekk l-azzjoni tiġi deċiża a favur tagħha, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent m'huwiex sejjer jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

In oltre mill-qari tal-atti u l-provi jidher ċar li l-Prim Ministru ma jiffigura imkien u r-responsabbiltà tal-miżbla kienet taqa' f'idejn l-imsemmi dipartimenti. L-istess jista' jingħad fir-rigward għall-Avukat tal-Istat fil-konfront tal-ewwel tlett talbiet, li huma talbiet ta' natura ċivili. Fid-dawl ta' dan għalhekk din il-Qorti hija tal-umli fehma li l-ewwel tlett talbiet jistgħu jirrispondu għalihom il-Ministeru responsabbli mill-Ambjent u / jew id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet.

Fir-rimanenti tlett talbiet, din il-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal allegazzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. In tema legali, issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Abela vs. L-Onor. Prim Ministru et** deċiża fis-7 ta' Diċembru 1990

"F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradituri ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirettament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."

Fid-dawl tas-sentenza suċċitata il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Partit Nazzjonalista et vs. Kummissjoni Elettorali et**. (Rik Kost 26/2013) deċiża fid-29 ta' Mejju 2015 eleborat li "Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqisu illi jeskludu kategoriji oħra."

Tajjeb jingħad ukoll li mhux f'kull azzjoni kostituzzjonali għandu jiġi mħarrek l-Avukat tal-Istat – dan jiddependi mit-talbiet kif ukoll jekk il-Gvern ikunx suffiċjentament rappreżentat minn kap ieħor. F'dan il-każ huwa ċar li fit-talbiet tas-soċjetà attriċi ma jirriżultax li l-imsemmija soċjetà qiegħda tattakka xi liġi bħala anti-kostituzzjonali jew altrimenti xi deċiżjoni li ħa l-Avukat tal-Istat, lanqas m'hu qiegħed jiġi kkontestat li kien hemm leżjoni ta' dritt a bażi ta' xi liġi partikolari. L-allegat leżjoni hija marbuta prinċiparjament mal-ewwel talba u ċioe li d-dritt tiegħu ġie miksur minħabba amministrazzjoni ħażina tal-miżbla ġewwa l-Magħtab. Din il-

Qorti tikkumpara din is-sitwazzjoni ma' sitwazzjoni ta' esproprju li jsir mill-Gvern. F'din l-aħħar sitwazzjoni hemm awtorità speċifika li hija responsabbli mill-esproprju u għalhekk il-kawżi kostituzzjonali rigwardanti esproprji kienu jiġu indirizzati fil-konfront tagħha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Vica Limited vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet et** (Rik Kost 744/2000) deċiża fis-27 ta' Jannar 2009:

"jekk hemm persuna specifika mghobbija bir-responsabbilta` tal-haga ma jibqax aktar l-Avukat Generali izda jkun il-kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat fil-materja in kwistjoni li jirrapprezenta fl-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji. Fil-kaz in ezami huwa car u identifikabbli li l-azzjoni hija diretta mis-socjeta` rikorrenti kontra l-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-operat tieghu u ghalhekk il-Qorti ssib gustifikata l-eccezzjoni ta' l-Avukat Generali li f'dan il-kaz it-talba tista' tigi indirizzata lejn haddiehor biex jirrispondi ghat-talba tar-rikorrent."

Ġaladarba l-interess tal-Gvern f'dawn il-proċeduri, inkluż għalhekk l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' dritt fundamentali, huma salvagwardati b'kapijiet oħra, ma kienx jeħtieġ li l-Avukat tal-Istat ġia l-Avukat Ġenerali, jiġi mħarrek bħala parti f'din il-proċedura iżda kellu jiġi biss notifikat bl-atti ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12.

Għaldaqstant il-Qorti tikkonkludi illi mhux meħtieġ li l-Avukat Ġenerali illum l-Avukat tal-Istat u l-Prim'Ministru jkunu parti f'dawn il-proċeduri sabiex il-ġudizzju jkun integru u konsegwentement qed tiddikjarhom bħala li ma humiex leġittimi kontradittturi fil-kawża odjerna. Konsegwentement il-Qorti qed tilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju filwaqt li tiddikjara li l-Ministru responsabbli mill-Ambjent huwa leġittimu kontradittur.

***Att Amministrattiv***

Il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li stante li hija azzjoni biex timpunja att amministrattiv, l-azzjoni hija infondata ġaladarba ma saritx fit-termini tal-Artikolu 469A (1) tal-Kapitolu 12 u m'hijiex ibbażata fuq waħda mir-raġunijiet li għalihom huwa impunjabbli att amministrattiv.

Fil-kuntest tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, is-soċjetà attriċi kienet spjegat li "l-azzjoni avvanzata mis-socjeta attrici ma hijiex l-azzjoni kkontemplata fl-artikolu 469A (1) (b)"[49] izda hija "azzjoni civili naxxenti mill-abbuz tal-proprjetà"[50]. Skont l-ispjegazzjoni li tat is-soċjetà attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha tad-9 ta' Marzu 2001, il-Gvern eċċedda d-dritt tiegħu tad-dritt tal-proprjetà u qiegħed jimpedixxi lis-soċjetà attriċi milli tgawdi u tuża l-proprjetà tagħha li għandha fil-viċinanzi tal-miżbla.

Il-Qorti qed tikkonsidra li l-azzjoni odjerna hija prinċiparjament imsejsa fuq l-**Artikolu 320 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi li "l-proprjetà hija l-jedd li wieħed igawdi u li jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut, basta li bihom ma jagħmilx użu ipprojbit mil-liġi." Il-proprjetà tal-Gvern[51], bħala kull proprjetà oħra tista' tkun suġġetta għal jeddijiet privati.[52]

Minn qari tal-att promotur l-Qorti tinnota li ma saret l-ebda referenza għal att jew egħmil amministrattiv u wisq anqas ma saret referenza għall-Artikolu 469A tal-Kaptiolu 12. Il-konfużjoni dwar jekk l-azzjoni hijiex verament imsejsa fuq l-Artikolu 469A setgħet inħolqot biż-żieda tat-talbiet rigwardanti drittijiet fundamentali, li ser jiġu kkunsidrati aktar 'l quddiem.

Din il-Qorti hija għalhekk hija tal-fehma li l-ewwel tlett talbiet jirrigwardaw danni ta' natura ċivili *sic et simpliciter*.

Għaldaqstant il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti qed tiġi respinta.

---

[49] Paġna 23 tal-proċess.
[50] *ibid.*
[51] Il-Gvern huwa s-sid tal-beni kollha li jiffurmaw parti mid-dominju pubbliku kif ukoll tal-beni kollha li jiġi akkwistati minnu skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili jew xi liġi speċjali oħra kif ukoll proprjetà li hija vakanti.
[52] Artikolu 327 tal-Kodiċi Ċivili.

***Mertu - Allegat Danni***

Fl-ewwel talba tagħha s-soċjetà attriċi talbet lill-Qorti:

"Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni kkagunati lis-socjeta` attrici bhala rizultat tal-fatt illi l-mizbla tal-Maghtab qed tintuza abuzivament fil-konfront tas-socjeta` attrici u thalliet tespandi u tigi estiza eccessivament, b'mod li s-socjeta` attrici ma tistax tkompli tizvolgi l-attivita` taghha ta' "poultry breeding" fil-proprjeta` taghha, Primrose Farm, fil-Maghtab;"

Ir-responsabbiltà għad-danni tista' tkun waħda kuntrattwali, u ċioe responsabiltà għal danni li jemanu minn nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni li jkun ġie ikkuntrattat[53], jew inkella extra-kuntrattwali jew akwiljani (li titnissel minn delitt jew kważi delitt) u ċioe responsabbiltà għal danni kaġunati minn kwalsiasi fatt illeċitu, sew jekk jiġi kommess b'dolo jew malizja, sew jekk jiġi magħmul bis-sempliċi negliġenza jew kolpa u ħtija ċivili[54]. Ir-responsabbiltà għad-danni tista' wkoll temani minn provvediment legali li jistipula ċirkostanza jew ċirkostanzi partikolari meta hemm responsabbiltà għal riżarċiment ta' danni.

Huwa mill-aktar evidenti illi d-danni li qed jitolbu l-atturi la huma danni kontrattwali u lanqas danni naxxenti minn reat. Jibqa' għalhekk li jiġi kunsidrat jekk l-azzjoni attriċi hix waħda akwiljana jew inkella hix imsejsa fuq provvediment jew provvedimenti legali li jipprovdu dwar dritt għal riżarċiment tad-danni f'każijiet bil-fattispeċi simili għal dawk tal-kawża

[53] Artikolu 1125 et seq tal-Kodiċi Ċivili.
[54] Artikolu 1030 et seq tal-Kodiċi Ċivili.

odjerna.

Il-punt tat-tluq huwa l-**Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili** fejn jipprovdi li "[k]ull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu." Però min ma jagħmilx użu tal-jedd tiegħu fil-qies, huwa tenut iħallas id-danni li jiġru minħabba t-tort tiegħu (**Artikolu 1031** tal-Kapitolu 16), u huwa fit-tort min fl-azzjonijiet tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza, u l-attenzjoni ta' *bonus pater familias* (**Artikolu 1032** tal-Kapitolu 16). Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor (**Artikolu 1033** tal-Kapitolu 16). Finalment l-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi kif jitqiesu d-danni u dan billi jgħid li l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib. Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċita tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċita ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.

Dawn il-prinċipji ġew kkunsidrati diversi drabi mill-Qrati nostrani fosthom fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-12 ta' Diċembru, 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Emmanuel Sammut et vs. Chief Government Medical Officer et** (Ċit Nru 2804/1996) fejn ġie reaffermat li

[...] ghal dik li hija responsabbilta` tal-incident de quo skond l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** jinghad li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". **("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici" -** A.C. 3 ta` Dicembru 1991). Illi ai termini tal-**artikolu 1032 tal-Kap 16** "jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-

diligenza, u l-hsieb ta` missier tajjeb ta` familja". Illi fis-sentenza **"Anthony Zerafa vs Joseph Sacco"** (P.A. (RCP) 29 ta` Marzu 2001) inghad illi "minn dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minhabba n-nuqqas ta` attenzjoni tieghu, b`negligenza u b`nuqqas ta` prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili".

Hu magħruf, li ma' dawn il-prinċipji għandu jiġi kkunsidrat ukoll li f'azzjoni ta' danni li jitnisslu minn delitt jew kważi-delitt, l-attur jeħtieġlu jipprova n-*nexus* (in-ness) bejn l-aġir tal-konvenut u dannu minnu soffert. Fis-sentenza **George Thomas Davison vs. Joseph Azzopardi noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-2 ta' Marzu 1962 ingħad hekk: "mill-analisi tal-istess disposizzjonijiet tal-liġi jirriżulta illi għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jikkonkorru tliet elementi, li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2) l-imputabilita tal-istess fatt għal min ikun għamlu, u (3) id-dannu kaġunat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delitt ċivili, jew fi kważi-delitt [...] mhux biżżejjed li tiġi konstata l-ħtija, imma hu meħtieġ ukoll li jiġi stabbilit li dik il-ħtija kkaġunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod ċert."

Ikkunsidrat;

**Perizja Teknika**.

Il-Qorti inkarigat Periti Tekniċi sabiex jassistuha billi jirrelataw dwar l-aspett tekniku tal-vertenza.

Il-veterinarji Dr. Martin Debattista u Dr. Gareth Grech ħejjew rapport konġunt li ġie ppreżentat fil-11 ta' Ġunju 2018. F'dan ir-rapport veterinarju, il-Veterinarji analizzaw il-provi li ġew prodotti miż-żewġ partijiet u ġabru informazzjoni dwar x'jista' jkun li kawża mewt fit-tiġieġ kif ukoll informazzjoni dwar l-infestazzjoni tal-ġrieden. Wara li għamlu l-konsiderazzjonijiet tagħhom huma waslu għas-segwenti konklużjonijiet:

"*From the evidence presented in this case it was not possible to establish a precise diagnosis of disease or nature of the particular losses which the accusing party is claiming occurred. The diseases which have been evidenced by the witnesses are common poultry diseases which occur on poultry farms and their nature cannot serve to prove to have occurred from a particular provenance.*

*Evidence is only available from one of the total of a handful of managers who took care of this farm during the 90s'. Also no explanation of this large turnover of top management personnel was forthcoming which in itself could not have helped good farm management.*

*No mention was made to any major maintenance works done to the poultry sheds during these many years which certainly would have become necessary with the passage of time. The poor physical condition of the farm was mentioned by more than one of the witnesses.*

*The presence of poultry of different ages let alone poultry for different purposes certainly gives rise to very challenging disease control on any farm. This challenging picture accumulates with the passage of time. At no stage during the process of this case was it mentioned that a complete evacuation of the farm was considered or executed in order to be able to perform a complete disinfection or disinfection of the farm in order to minimise losses.*

*The rat infestation of the farm is also another key point in this case. As mentioned in the report no pest control expert report was available. Without such a report it is difficult to say whether this rat infestation was a separate farm infestation or part of the Maghtab rubbish dump rat infestation; however there was no evidence to show that other farms in the area suffered from the same amount of rat infestation or destruction.*

*For all these reasons outlined above, the undersigned are of the opinion that the accusing party did not provide enough evidence to identify the precise and accurate nature of their losses or that any losses that they encountered were due to third parties."*[55]

Ikkunsidrat;

Peress li l-kwistjoni in eżami hija purament waħda ta' apprezzament tal-provi, huwa essenzjali li dawn jiġu meqjusa bl-akbar reqqa, biex jingħata lilhom dak il-piż li verament jimmeritaw. Jiġi osservat li kien jinkombi fuq is-socjetà attriċi li tressaq il-prova li hija sofriet danni minħabba ġrieden li ġew mill-miżbla tal-Magħtab u l-arja kkontaminata li hemm mad-dawra tar-razzett minħabba l-istess miżbla u dan in omaġġ għall-prinċipju *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat*.

F'dan ir-rigward l-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi** (App Ċiv 503/2002), deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-12 ta' April 2007:

i) "Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-prova timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn kontendenti sija fuq fattur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probation*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*) (Vol.XLVI.i.5).
ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra ghax kif jinghad, jista' jkun gie stabbilit fatt li juri li *prima facie* t-tezi tal-attur hija sostenuta - (Ara Vol. XXXVII.i.577).
iii) Il-gudikant adit mill-mertu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probate*, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet, jigifieri minn dawn ic-cirkostanzi ta' fatti dedotti abbazi tad-domanda jew ta' inverzjoni tal-provi offerti mill-partijiet.

[55] Paġna 1166 tal-proċess.

Jikkonsegwi li d-dixxiplina tal-piz tal-prova ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timpani fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. (ara wkoll **Dr. Ian Vella Galea noe. vs Alistair Tulloch Robert Clifford**, P.A. (JZM) deciza fis-26 ta' Mejju 2016)."

Hekk ukoll fil-każ **Martin Cassano vs. Alessandro Cassano** (Rik Ġur 783/2014 JZM) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-14 ta' Lulju 2016, intqal li:

"Il-gudikant fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, u meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet." (Ara wkoll **Zammit vs Petrococchino** Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) deciza fil-25 ta' Frar 1952, u **Vassallo vs Pace**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu 1986."[56]

Ikkunsidrat;

Fil-każ odjern is-soċjetà attriċi kien jeħtiġilha tipprova li minħabba amministrazzjoni ħażina tal-miżbla hija ġiet infestata bi ġrieden mill-istess miżbla u wkoll li kien hemm arja mniġġsa kawża tal-miżbla. Il-provi li resqet is-soċjetà attriċi jistgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji separati:

(a) provi dwar immaniġġjar ħażin tal-miżbla; u (b) l-infestazzjoni tal-ġrieden fir-razzett tagħha li skontha waslu għal mewt tat-tiġieġ qabel il-waqt

[56] Ara wkoll **Alexander Caruana et vs Adrian Fenech et** (Rik Ġur 650/2007) deċiża fit-22 ta' Jannar 2018;

kif ukoll mard ikkawżat minn *airborne particles*. Sommarju tal-provi li tressqu mill-partijiet jinstab aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni iżda pertinenti huma s-segwenti provi:

**(a) Provi dwar immaniġġjar ħażin tal-miżbla**

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda tal-Perit Vincent Cassar, id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet b'mod partikolari għas-segwenti punti:

(a) Il-miżbla ma kellhiex *fence* u allura kulħadd setgħa jidħol;
(b) It-trakkijiet RCVs ma kienux jiġu ċċekjati sabiex jiġi determinat xi skart kienu qegħdin iġorru;[57]
(c) Ikkonferma li *checking system* m'hemmx;
(d) Ix-xhud ikkonferma wkoll li għar-radam ma kienx hemm permess partikolari;
(e) Ix-xhud qal ukoll li "waste li jigi mill-isptar meta l-inceneratur tal-isptar ma jkunx qed jahdem, waste mill-*abattoir* meta l-inceneratur hemm ma jkunx qieghed jahdem, waste li jigi mill-airport meta l-inceneratur ma jkunx qieghed jadhem. Jigifieri hemm kull tip ta' waste hemmhekk iva."[58]

Fir-rapport mħejji minn dan ix-xhud f'Jannar 2000 bl-isem *A Solid Waste Management Plan for Malta: A 10-year Plan 2000-2009* ingħad li:

"*5.1.3 [...] The Maghtab landfill, in particular receives municipal and industrial wastes, oily sludges, residues resulting from sewer cleaning operations, used batteries, used lubricating and edible oil, etc. Moreover, on those occasions when the respective incinerators at St Luke's Hospital and at the Malta Abattoir are non-operational, the landfill also receives untreated health-care and abattoir waste. In addition, abattoir and health-care waste not requiring incineration is also landfilled.*

[57] Din ġiet ikkonfermatu mix-xhud Carmelo Borg.
[58] Paġna 210 tal-proċess.

*5.1.4 The two landfills [referring also to Tal-Qortin in Gozo] have been for some time operating close to their useful life span. Moreover, they both suffer from the absence of proper surface runoff and leachate control and none of them is equipped with landfill gas emission control measures. In addition, the daily cover and compaction of waste, which in the circumstances is the only remedy towards the control of gas emissions and fires, is not always effective. [...]"*[59]

Ix-xhud Carmelo Borg, ħaddiem ġewwa l-miżbla, qal li qabel Malta issieħbet fl-Unjoni Ewropeja fil-miżbla kienu jintremew annimali sħaħ. Dan ġie ikkonfermat minn Dr. Lino Vella, Chief Veterinary Officer, tant li qal li l-iskart tal-biċċerija u dawk l-annimali mejta li kienu jġibu l-produtturi biex jintremew kienu jiġu trasportati minn kuntrattur privat li kien jaħdem il-miżbla tal-Magħtab. Dan ix-xhud ikkonferma li ma kienx isir trattament fuq il-karkassi u l-annimali mejta qabel ma dawn jinġarru u jittieħdu l-Magħtab.

**(b) L-infestazzjoni tal-ġrieden fir-razzett u *airborne particles***

Id-Direttur tas-soċjetà attriċi John Borg spjega fl-affidavit tiegħu li kien hemm infestazzjoni ta' ġrieden fiż-żona kollha tal-Magħtab u jkompli jgħid, li kien għalhekk li ħadu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa bi tqegħid ta' velenu, attrezzaturi apposta mal-bibien u t-twieqi. Nonostante dan kollu, l-infestazzjoni kienet qiegħda tiżdied tant li maż-żmien bdew jiġu rappurtati numru kbir ta' tiġieġ mejjet. Ix-xhud spjega li fit-tmeninijiet beda jitfaċċa mard ġdid fit-tiġieġ u kien għalhekk li kellhom jinvestu f'vaċċini appożiti. Dan ġie kkonfermat minn ħuh, George Borg fejn qal li huwa beda jinduna li ftit wara li bdiet il-miżbla bdew dejjem jiżdiedu l-ġrieden tant li fl-aħħar ma setgħux jibqgħu jikkontrollawhom u kellhom infestazzjoni. Is-Sur Borg spjega wkoll li huma osservaw li l-mard fost it-tiġieġ beda jżid u r-rata tat-tiġieġ li jmut beda jiżdied, mewt ikkawżat minn diversi *virus infections* u epidemija oħra kawżati minn *bacteria*. Sabiex jikkontrollaw il-ġrieden jgħid

[59] Paġna 299 tal-proċess.

li kienu qabdu kumpanija tal-*pest control* iżda kien inutli, kif ukoll għamlu velenu tal-ġrieden.

Dan ġie kkonfermat ukoll minn ex-impjegat tas-soċjetà attriċi, Publius Formosa. Dan ix-xhud qal li kienu jaraw il-ġrieden fic-*chain feeders* tal-ikel. L-espert Wil J. M. Landman ippreżenta wkoll ritratti li juru ġrieden ġewwa r-razzett. Fir-rapport qal ukoll li waqt l-ispezzjoni huwa nnota l-infestazzjoni tal-ġrieden u dan għaliex ra sitt ġrieden mejta fuq l-iskart li kien f'kamra tat-tiġieġ liema kamra kienet kbira madwar ħamsin metru kwadru, filwaqt li ra wkoll far u ġurdien ħaj fl-istess post. Landman osserva li kien hemm xkejjer tal-ikel tat-tiġieġ li ġew imgerma mill-ġrieden, "*while in another empty house without chicken food storage rodents had been chewing on egg trays*."[60]

Fir-rigward tal-arja mniġġsa s-soċjetà attriċi ppreżentat numru ta' dokumenti tal-meteoroloġija li juru li 'l fuq minn 20% tar-riħ jonfoħ mill-majjistral-grigal. L-argument tad-diriġenti tal-kumpanija huwa li peress li huma jinstabu fuq in-nofsinhar-xlokk tal-miżbla, ir-riħ ikun qiegħed jonfoħ lejn ir-razzett. Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti[61] meħudin minn kotba dwar il-mard li jiġi trażmess bl-arja jew b'mezzi oħra. Il-mard li fuqhom ġie ippreżentat dokumentazzjoni huma s-segwenti:

a. Aviation Influenza
b. Fowl Pox
c. Infectious Bronchitis
d. Turkey Rhinotracheitis
e. Avian Tuberculosis
f. Infectious Bursal
g. Marek's Disease
h. Botulism (caused also with wet litter)
i. Colibacillosis (e-coli)

[60] Paġna 166 tal-proċess.
[61] Paġna 87 sa 114 tal-proċess.

j. Erysipelas (soil-borne disease; sucking and biting insects especially mosquitos)
k. Fowl Cholera
l. Listiosis
m. Paratyphoid (Salmonellosis)
n. Ulcerative Enteitis
o. Mycotoxicosis
p. Plasmodium infections (Avian malaria; transmitted via mosquitos)
q. Newcastle disease
r. Chronic respiratory disease (C.R.D)
s. Infectious Laryngotracheitis
t. Infectious Coryza

Inspjegabbilment pero' provi ta' liema minn dan il-mard instab fir-razzett ma tresqux mis-soċjetà attriċi. Lanqas ma ġew ippreżentanti provi bħal per eżempju rapporti ta' esperti ex parte li għamlu eżami fuq it-tiġieġ. L-unika prova li tinstab fl-atti fir-rigward hi elenku ta' mard ppreżentat minn Dr. Susan Chircop - xhud imressqa mill-konvenuti - minn informazzjoni li hija ġabret minn rapporti li saru meta l-ħaddiema tas-soċjeta' attriċi kienu jieħdu karkassi tat-tiġieġ lil Veterinarju tal-Gvern.

Pero' ness bejn il-mard tat-tiġieg u l-miżbla ma ħiex stabbilit u dan kif ġie relatat mill-esperti veterinarji ġudizzjarji.

Bl-istess mod is-soċjeta' attriċi ma resqet l-ebda prova dwar l-allegat partiċelli fl-arja li kkawżaw l-imwiet. M'huwiex biżżejjed li d-diriġenti jissuspettaw li hemm xi partiċelli fl-arja li qegħdin jikkawżaw il-mard. Għal kull buon fini għandu jingħad li Dr. Susan Chircop fix-xhieda tagħha tgħid li l-istess mard li kien hemm fir-razzett tas-soċjetà attriċi nstab ir-Rabat, Ħal Luqa, Birkirkara, Qormi u Mellieħa kif ukoll ġewwa Għawdex u għalhekk ma jistax jingħad li dan it-tip ta' mard misjub fit-tiġieġ fir-razzett tas-soċjeta' attriċi kien kaġun tal-miżbla.

Il-Periti Veterinjarji irrelataw li dan in-ness huwa nieqes tant li għar-risposti ta' waħda mill-mistoqsijiet in eskussjoni, il-Veterinarju Dr. Garreth Grech qal li huma ħadu qies tat-teorija jekk l-arja li ġejja minn fuq il-miżbla kinitx qiegħda ġġorr partiċelli: "*yes, this theory was considered but a scientific direct cause relationship was not seen on this theory*."[62]

L-oneru fuq l-attur tal-aħjar prova ma jirriżultax li ġie sodisfatt fil-kawża odjerna (**Artikolu 559** tal-Kapitolu 12). Kif ġie ritenut aktar 'l fuq din il-Qorti ma tistax tistrieħ biss fuq konġetturi u suspetti iżda jeħtiġilha tkun moralment konvinta li wieħed mill-fatturi li kkawża l-mard u mewt tat-tiġieġ kienet kif tallega s-soċjeta' attrii arja mniġġsa li ġejja minn fuq il-miżbla.

F'dan il-kuntest, relevanti ħafna huwa dak li ntqal fil-każ **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et** (Ċit Nru 2592/1999 JRM) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Settembru 2013, fejn ingħad hekk:

"Illi l-Qorti tqis li ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili mhuwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici suppozizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju."

[…]

"Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara App. Inf. – JSP – 12 ta' Jannar 2001**, Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**). Il-fatt li l-parti mharrka tkun

[62] Paġna 1217 tal-proċess.

ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm 'il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, il-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 – **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).

Illi huwa ghalhekk, li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-**Art. 562 tal-Kap 12**) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (**Art. 559 tal-Kap 12**)."

Il-Perit Tekniku inkarigat mis-soċjetà attriċi, W. J. M Landman, fl-osservazzjonijiet konklużiva tiegħu xhed li hemm il-probabilita' li l-mard kien ġej minħabba l-miżbla. Fir-rapport tiegħu *Report on the feasibility and safety of commercial poulty breeding at the Maghtab Primrose farm in Malta* tiegħu huwa jgħid preċiżament hekk:

"*Although **a direct causal relationship between the rubbish dump and disease outbreaks and damage to the Primrose operations at Maghtab could not be established**, the existence of such a relationship is more than likely in view of the findings mentioned above*."[63]

Din l-opinjoni ma ġietx aċċettata mill-Periti Veterinarji Ġudizzjarji li kkonkludew illi l-maġġoranza tal-mard li kienu qegħdin ibagħtu bih it-tiġieġ fir-razzett tas-soċjeta' attriċi kien proprju minħabba immaniġġjar ħażin tar-razzett min-naħa tas-soċjetà attriċi stess.

L-ewwel punt li ħareġ minn xhieda tas-soċjetà attriċi kien li kien hemm *turnover* qawwi ta' maniġers f'perjodu ferm qasir. Fil-fatt Publius Formosa

[63] Paġna 175 tal-proċess. Enfasi tal-Qorti.

kien indika minn kienu dawk il-maniġers. Għalkemm wieħed mill-ewwel manigers, Jon Russe, irriżulta li dam mas-soċjetà attriċi mis-sena 1968 u sas-sena 1989; warajh kien hemm diversi li dam ferm anqas. Warajh ġie Kevin Bachelor u dam ghal xi 3 snin. Dan ġie segwiet b'Kirby li dam sena u wara ġie Andy Ormsby u Graham Gibbons li dam xi 4 jew 5 snin. Mill-atti jirriżulta li kien ħa post Gibbons, Paul Spiteri. L-aħħar wieħed kien Peter Millington u dam sakemm ingħalaq ir-razzett. Skont Publius Formosa l-ebda wieħed minn dawn ma kien veterinarju iżda kienu nies b'ħafna esperjenza. Fil-fehma tal-Qorti, kif ġustament indikaw il-Periti Veterinjari Ġudizzjarji, dan il-bdil fil-maniġers xejn ma kien sostenibbli għat-tmexxija tajba tar-razzett meta jiġi meqjus li fi ftit aktar minn għaxar snin inbidlu madwar ħames maniġers.

Rilevanti ħafna huwa l-istat li kien jinżamm fih ir-razzett. F'ambjent fejn ikun hemm l-annimali, inkluż anke minħabba l-għalf tagħhom, jiġu attirati fost oħrajn ġrieden iżda f'ambjent li huwa anke karatterizzati minn telqa, ħmieġ u nuqqas t'iġjene huwa aktar plawsibbli li n-numru ta' ġrieden ikun ferm akbar fin-numru. Dan ikkonfermah il-Perit Vincent Cassar stess. Xhed li huwa wkoll plawsibbli li fejn ikun hemm l-ikel il-ġrieden ħa jmorru u għalhekk ġurdien m'għandux għalfejn jitlaq minn fejn ikun jekk ikun hemm sors tal-ikel. Il-miżbla ġewwa l-Magħtab kienet sors tajjeb ta' ikel kontinwu għall-ġrieden u għal firien li kien ikun hemm u għalhekk mhux probabli li dawn kienu jitilqu mill-miżbla ma kellhomx għalfejn jitilqu minn hemm u jmorru fir-razzett tal-kumpanija attriċi.[64] Dan japplika wkoll għal ġrieden li kien hemm fir-razzett tas-soċjetà attriċi. Minn ritratti[65] li ġew ippreżentati fir-rapport ta' Landman jidher li xkejjer tal-ġwież kienu qegħdin jinżammu ħdejn it-tiġieġ u mhux f'imħażen separati. Din il-Qorti tifhem li jekk hemm problema ta' ġrieden, is-soċjetà attriċi ma messiex ħalliet ikel ġo xkejjer jiġru mal-art ħdejn it-tiġieġ iżda iżżommhom x'imkien fejn ma jkunx jista' jintlaħaq f'maħżen separat.

---

[64] **Jesmond Mizzi** fix-xhieda tiegħu qal li qatt ma ra ġrieden fit-toroq "peress li l-grieden kienu jibqghu hemm gew. Peress li kienu jitfghu hemmhekk l-iskart tal-biccerija, kienu jibqghu hemm gew" - Paġna 437 tal-proċess.
[65] Paġna 168 tal-proċess.

Dr. Susan Chircop, veterinarja, rat b'għajnejha t-telqa li kien fih ir-razzett meta marret tagħmel spezzjoni hemm fuq talba tad-diriġenti tas-soċjetà attriċi. Innutat, u dan il-Qorti tista' tikkonfermah ukoll minn ritratt esibit fir-rapport ta' Landman[66], "li l-post kien jidher mitluq u mhux ikkurat u t-tigieg kienu jinzammu f'Nissen huts li kellhom dehra mitluqa u kien hemm hafna haxix hazin madwarhom. [...] Il-haxix hazin u mbarazz bejn u madwar l-imhazen jattira il-firien."[67] Dr Chircop spjegat li "s-Servizzi Veterinarji jirrakkomandaw li jkun hemm il-konkos barra, biex ikun iżjed faċli li jsir kontroll fuq il-grieden u firien"[68]. It-telqa fir-razzett ġie konfermata minn Paul Spiteri, ex-impjegat tas-soċjetà attriċi. Dan ix-xhud għamel referenza għall-fatt li uħud mill-*huts* kienu ilhom li nbnew u kien hemm xi difetti f'uħud mit-twieqi, fis-sens illi dawn ma kienux jingħalqu u kienu minflok jagħlquhom bil-plastik.

Element ieħor taħt dan il-kappa huwa n-nuqqas ta' ventilazzjoni li uħud mill-*huts* kellhom. Mix-xhieda rriżulta li t-tiġieġ jirrikjedu ħafna ventilazzjoni u arja friska. Il-fatt li s-soqfa jkunu baxxi xejn ma jgħinu bis-sħana li tolqot lil dawn il-għejjer speċjalment fix-xhur tas-sajf. Fil-fatt diversi kienu dawk ix-xhieda li indikaw dan in-nuqqas. Jon Russer kien wieħed minnhom. Dwar il-ventilazzjoni huwa spjega hekk: "*during my time with plaintiff company, I used to be faced with various problems, because there were always problems with poultry, such as ventilation, overcrowding, and the diseases which arise from these problems. Initially the accommodation built for the breeding stock where completely the wrong sort for Malta. It was really a question of get on with it and do the best you could with what you had.*" Ix-xhud spjega li għalkemm kienu qegħdin isiru investimenti mis-soċjetà attriċi dawn kienu qegħdin isiru bil-mod il-ħażin u bħala eżempju jressaq il-fatt li l-*huts* li kienu qegħdin jinbnew kienu tajbin għall-Ewropa ta' Fuq imma ma kinux tajbin għas-sħana ta' Malta. Għalkemm għamel is-suġġerimenti tiegħu lill-*management* tas-socjetà

[66] Paġna 164 tal-proċess.
[67] Paġna 923 tal-proċess.
[68] *ibid.*

attriċi huma kienu indifferenti għar-rakkomandazzjonijiet li kien qiegħed jagħmel.

Il-problema ta' ventilazzjoni wkoll ġiet identifikata minn Paul Spiteri fejn qal li l-*huts* l-antiki ma kienux idejali għal skopijiet ta' ventilazzjoni.

Dr Susan Chircop osservat li "l-imhazen kienu maghmulin mill-pjanci u ma jkunux ideali fis-sajf li huwa tipiku ta' Malta peress li jkollna temperaturi gholjin u fil-kaz ta' dawn il-huts, peress li kienu bis-soqfa baxxi, jekk ma jkunx hemm sistema tajba ta' ventilazzjoni, malajr it-temperatura setghet titla' iżżejjed, b'konsegwenzi hziena ghat-tigieg."[69]

Ġiet identifikata wkoll il-problema ta' *overcrowding* (ffular) minn Dr Cliff Stuart, veterinarju, wara li ġabar xi kampjuni mit-tiġieġ u għamel analiżi fuqhom f'laboratorju l-Ingilterra. Russer iżda indika li fis-sena 1989 is-sitwazzjoni ta' *overcrowding* bdiet titjieb.

Jorbot ma' dan huwa l-fatt li t-tiġieġ *parent stock* huwa tajr soffistikat ħafna f'dik li hi trobbija u għalhekk minn jieħu ħsieb dawn it-tip ta' tjur għandu jkun imħarreġ sew. Dan spjegah Francis Farrugia fejn xhed li dawn it-tjur jeħtiegu iżolament strett minn tjur oħra u minn trobbija għal oħra, tant li hemm is-sistema magħrufa bħala *all in all out* sabiex il-post jilħaq jiġi mnaddaf u diżinfettat kollu u mħolli biex jistrieħ tal-anqas tlett ġimghat u dan sabiex jiġi eliminat kontaminazzjoni minn partita ta' tjur għal oħra.

Din is-sistema bdiet tiġi implimentata mis-soċjetà attriċi fis-snin tmenin u dan snin wara li d-Dipartiment għas-Servizz Veterinarju kien għamel din ir-rakkomandazzjoni. Francis Farrugia spjega li qabel dan iż-żmien din ma kienx issir hekk u dan għaliex id-Diretturi kien ikollhom bżonn il-bajd sabiex jissupplixxu flieles skont id-domanda, anke tul dawk it-tlett ġimghat

[69] Paġna 923 tal-proċess.

ta' 'mistrieħ' rakkomandat. Jenfasizza li dawn "ma kienux direttivi ta' maniġġ u igiene tajbin u li żgur li holqu problema ta' mard."[70]

In oltre, peress li l-*parent stock* huwa tajr delikat, kien jeħtieġ li t-tjur ta' dan it-tip u kwalunkwe tip ieħor għandhom jinżammu f'*huts* differenti u fi rziezet differenti[71]. Mix-xhieda ta' Francis Farrugia kif ukoll ta' Jon Russer u Paul Spiteri irriżulta li t-tiġieġ tat-tip *parent stock* u dak kummerċjali kienu qegħdin jinżammu f'*huts* separati mifrudin b'għalqa, iżda ma kinux qegħdin jinżammu f'razzett kompletament differenti. Dan kien jagħtio lok għal *cross-contamination* fejn ħaddiema, skont il-ħtieġa tax-xogħol, kien imur minn *hut* għal oħra bil-possibilità li jġorr il-mard miegħu. Russer spjega hekk:

*In Maghtab there were the laying breeding stock and the broiler breeding stock very close to the commercial stock, which is something you don't want. When I stated that they were very close to each other, I mean not in the same hut, but maybe thirty to forty meters away from each other. Obviously if the wind is coming from the direction of the sea and there are problems in one particular hut, then obviously they may transfer to the other hut in the wake of the wind. Obviously, this is with regards to some of the diseases, since not all of them are windborne."*[72]

Mill-atti jirriżulta li mhux talli kien hemm tipi differenti ta' tiġieġ ġewwa l-istess razzett talli "fil-*huts* tal-*parent stock* kien ikun hemm *cycle* differenti ta' tiġieġ. Kien ikun hemm dawk li qed ibidu, dawk li kienu għadhom qed jitrabbew u flieles ġodda. Ovvjament dan f'*huts* differenti. Idejalment però kien ikun aħjar kieku kellek post fejn trabbi u post fejn ibidu"[73] ċioe rziezet differenti u mhux *huts*.

---

[70] Paġna 642 tal-proċess.
[71] L-ewwel regola fl-ewwel skeda tal-Avviż Legali 50 tal-1997 (L.S 36.40 Regolamenti dwar *Breeding Stock* tat-Tjur).
[72] Paġna 770 tal-proċess.
[73] Meħuda mix-xhieda ta' Paul Spiteri f'paġna 858 tal-proċess.

**Biosecurity**.

Fir-rapport tiegħu, l-espert ex parte **Wil J. M. Landman** jgħid li waħda mill-prinċipji fundamentali huwa li sabiex it-tiġieġ ikunu b'saħħithom jeħtieġ li jkollhom iġjene tajba u bijosigura (*biosecurity*) fil-bini tar-razzett "*keeping them in maximum isolation, with the aim to prevent exposure of the chickens to hazardous health threatening micro-organisms in the environment.*"[74] Jgħid ukoll li *"hygiene and biosecurity are of vital importance to every poultry farm, however in the case of broiler breeder farm even more stringent measures apply. Such a farm is situated at the beginning of the production chain and a disease outbreak could have detrimental effects for a whole series of broiler farms supplied with day-old chicks from that source. This makes the situation for the Primrose farm even more delicate."*[75]

Għar-raġunijiet ta' *biosecurity* is-soċjetà attriċi kienet tipprovdi t-tamir meħtieġ bħal per eżempju *boots* u ħwejjeġ iżda l-ħaddiema mhux dejjem kienu jsegwu d-direttivi li boots jinbidel qabel jidħlu f'*hut* jew li jbiddlu l-ħwejjeġ għal dak mogħti lilhom mis-soċjetà attriċi. Dan kien jiġri għaliex kien hemm nuqqas ta' infurzar fuq dawn il-ħaddiema tad-direttivi li kien hemm fis-seħħ. In oltre anke meta l-impjegati kienu jmorru minn razzett għal ieħor dawn kienu jibqgħu bl-istess ħwejjeġ li kienu jkunu libsin fuq ir-razzett l-ieħor[76]. Magħdud ma' dan kollu, mix-xhieda ta' Paul Spiteri ħareġ ukoll li meta kien jinġarr il-bajd minn razzett għal ieħor dan kien isir ġo vann u dan il-vann ma kienx jiġi diżinfettat, l-istess meta kien hemm trasport ta' tiġieġ qabel ma jbid minn razzett għal ieħor.

L-iġjene ma kellhiex tieqaf mat-tamir protettiv, l-iġjene jirrikjedi li r-razzett jinżamm nadif u f'manutenzjoni ottima. Is-soċjetà attriċi kellha problema

[74] Paġna 160 tal-proċess.
[75] Paġna 174 tal-proċess.
[76] Skont ix-xhieda ta' Paul Spiteri.

kbira - ma riditx tagħmel bdil u manutenzjoni t'affarijiet li kienu jirrikjedu ħafna spejjeż b'konsegwenza li r-razzett beda jiddeterjora ftit ftit b'impatt negattivi fuq it-tiġieġ li kien qiegħed jitkabbar hemm.

Mix-xhieda ta' Paul Spiteri jirriżulta li peress li kien hemm problemi fit-twieqi li ma kienux jingħalqu sew, is-soċjetà attriċi qajla riedet tagħmel spejjeż sabiex tixtri l-plastik ħalli dawk it-twieqi jingħalqu. Naqset milli tibdel l-art tar-razzett biex tkun inqas umduża u ssir b'tali mod u manjiera li ma jidħlux ġrieden. Jitqies ukoll li ċana mxarrba għal ħin twil tista' tikkawża stress. Din iċ-ċana kienet tkun imxarrba minħabba l-umdità[77] jew *over-stocking*[78], però skont Paul Spiteri s-soċjetà attriċi lanqas kienet tixtri ċ-ċana kollha meħtieġa sabiex jinbidel meta l-friex taħt it-tiġieġ kien ikun imxarrab; li kien jiġri kien li d-diriġenti ġeneralment kienu jixtru nofs l-ammont li kien ikun hemm bżonn.

Dan magħdud ix-xhud jgħid li l-indafa fil-*huts* kienet issir b'mod regolari; il-*huts* tal-*parent stock* kienu jdumu ftit vojta u dan sabiex jekk ikun hemm mard / mikrobi ikun laħaq miet. Skont ix-xhud dawn kienu jibqgħu vojta għal xahar jew xahrejn li huwa perjodu aktar minn dak rakkomandat.

**Il-Mard**.

Mill-elenku[79] ta' Dr. Susan Chircop jirriżulta li l-mard li instab fuq it-tiġieġ kien Salmonella, E. Coli u Caccidiosis. Dawn ma ġewx miċħuda mis-soċjetà attriċi. Ma tresqu l-ebda provi mis-soċjeta' attriċi li kien hemm xi mard ieħor. Is-soċjeta' attriċi sostniet li fl-1994 kien iġġarraf is-saqaf tal-uffiċċju

[77] Skont Jon Russer u Paul Spiteri.
[78] Skont Jon Russer.
[79] Paġna 914 tal-proċess.

u kienu ntilfu d-dokumenti [80] però xorta ma nġabitx prova ta' testijiet li saru fuq l-annimali wara l-1994. L-unika prova li s-soċjetà attriċi resqat f'dan ir-rigward huwa rapport ta' Landman li għalkemm jagħmel lista ta' mard li jista' jittieħed mill-bniedem u minn annimal għal ieħor huwa naqas milli jindika liema kien dak il-mard li kien eżistenti fir-razzett u lanqas ma jidher li huwa ħa xi kampjuni mit-tjur sabiex jagħmel analiżi fuqhom.

Dr. Susan Chircop spjegat li mir-rekords li hemm fid-Dipartiment għas-Servizz Veterinarju sabet 26 każ differenti f'perjodu ta' sitt snin u nofs (bejn 1994 sa 2001) meta s-soċjetà attriċi kienet ħadet annimali l-laboratorju fejn 15 minnhom kienu dwar tiġieġ tas-simna u r-rimanenti (ċioe 11) kienu rigwardanti trobbija tal-*parent stock.*

Mill-astratti ippreżentati mill-kumpanija attriċi jidher li Salmonella tiġi trażmessa meta jkun hemm "*contaminated incubators, hatches, chick boxes or brooder houses; contaminated feed, water, litter; carrier birds, and carriers other than chickens (rodents, pets, flies, reptiles and others)"*[81]. Fir-rigward ta' E. Coli dan jista' jiġi trażmessa fl-arja, kif ukoll meta jkun hemm "*direct contact with wet, dirty living quaters, but not by contact with other birds*"[82].

Irriżulta bl-aktar mod ċar illi n-nuqqas ta' ndafa fir-razzett tas-soċjeta' attriċi kien wieħed mill-kontributrui ewlenkn fil-mard tat-tiġieġ li minnu qed tilmenta s-soċjeta' attriċi.

Rilevanti dak li xhed Francis Farrugia u ċioe li "E. Coli, nghid li hija marda komuni hafna fl-annimali kollha pero l-aktar fit-tjur u aktar u aktar fil-Parent stock. Ir-raguni hija li din il-marda fil-maggoranza tal-kazi tkun ragun ta' STRESS żejjed. Fit-trobbija tat-tjur STRESS huwa wiehed mill-kaguni komuni li jaghti lok ghal mard, u ser naghti eżempju ta' ċirkostanzi li

[80] Dan magħdud din il-Qorti tosserva li waqt il-ġbir tal-provi s-soċjetà attriċi ppreżentat diversi dokumenti ta' qabel l-1994.
[81] Paġna 100 tal-proċess.
[82] Paġna 96 tal-proċess.

joholqu stress fit-tjur: Storbju żejjed mhux regolari, nuqqas ta' ilma jew ghalf jew ghalf ghal tul ta' hin, spazju nieqes jew hafna tjur fi spazju zghir. Minhabba dawn ir-ragunijiet msemmija, l-infezzjoni ta' E.coli tista tinfirex malajr [...]"[83]. Dwar Coccidiosis, li hija infezzjoni fl-imsaren tat-tigieg però m'hix marda kaġunata minn xi batterji jew virus, jgħid li din hija infezzjoni li meta ma tkunx intraċċata mill-bidu, din toħloq mortalita ta' aktar minn 30% u tinfirex malajr u dan minħabba li l-istess infezzjoni u parassiti ta' din l-infezzjoni ssib ruħha fil-ħmieġ tat-tiġieġ u peress li t-tiġieġ jinżammu fl-art, dawn xi ftit jew wisq innaqqru dak ta' taħthom u awtomatikament jieħdu l-infezzjoni. Dwar is-Salmonella Pullorum, Francis Farrugia jgħid li "il-problema tas-Salmonella li kien ikun hemm kienet kaġunata mill-programm ta' vaċċinazzjoni li hu konfermat mir-rapport ta' Dr. Landman. [...] wiehed ma ghandu qatt juza vaccin tas-Salmonella fuq *parent stock* sakemm din il-marda ma tkunx endemika u fil-konfini ta' fejn ikun jitrabba l-*parent stock* jew inkella fil-pajjiz kollu. L-uzu ta' dan il-vaccin jaghti riżultati inċerti meta jkun qieghed isir xoghol ta' investigazzjoni fil-laboratorju."[84]Ikompli jghid li l-batterja preżenti fil-vaccin kienet tghaddi mill-*parent stock* ghall-bajda tat-tifqis u naturalment għall-fellus.

Issa ngħaddu sabiex naraw x'rimedju ttieħed sabiex tiġi kkontrallata l-infestazzjoni. Diversi xhieda qalu li din l-infestazzjoni kienet qiegħda tiġi kontrollata bi tqegħid ta' velenu fuq in-naħa ta' barra tal-*huts* u kienet tqabbdet kumpanija tal-*pest control*. Ġie maqbul bejn il-partijiet li velenu ġewwa l-*huts* ma setax isir. Kif osservaw il-Periti Veterinarji s-soċjetà attriċi naqset milli tipprovdi informazzjoni ulterjuri dwar dan il-kontroll, bħal per eżempju naqset milli tressaq lil rappreżentant tas-soċjetà tal-*pest control.*

Dwar id-distanza li hemm bejn il-miżbla u r-razzett Landman jgħid li hemm 750 metru bogħod, Francis Farrugia jgħid li mill-entratura tal-miżbla sal-entratura tar-razzett tas-soċjetà attriċi hemm 910 metru u ppreżenta wkoll dokument sabiex juri kif dan ġie mkejjel[85]. Skont Francis Farrugia, ir-razzett

[83] Paġna 644 tal-proċess.
[84] Paġna 646 tal-proċess.
[85] Paġna 893 tal-proċess.

tas-soċjetà attriċi huwa l-aktar wieħed 'il bogħod mill-miżbla u bejn ir-razzett tagħha u l-miżbla hemm diversi rziezet oħra kemm tal-baqar, tal-majjali, tat-tiġieġ (tiġieġ kummerċjali mhux *parent stock*) u tal-fniek u dawn kollha huma eqreb tal-miżbla, xi uħud jinsabu mal-miżbla. Din il-Qorti tosserva li s-soċjetà attriċi min-naħa tagħha ma ppreżentat l-ebda prova li dawn l-irziezet kienu qegħdin ibagħtu mill-istess problemi ta' mard u infestazzjoni.

Il-Qorti qed tikkonkludi illi kontributur ewlieni tal-mard li dwaru qed tilmenta s-soċjeta' attriċi huma l-immaniġġjar ħażin tar-razzett.

Ikkunsidrat;

**Perizja Ġudizzjarja**.

Huwa minnu li skont l-**Artikolu 681 tal-Kapitolu 12** il-Qorti ma hijiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha u li, bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant, "*dan però ma tistax tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami*'[86].

Ġie wkoll sewwa ritenut fil-kawża **Benjamin Camilleri *nomine* vs. Charles Debattista *nomine*** *(Ċit Nru 413/1988)*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 illi:

"*f'ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-*

[86] **Philip Grima vs. Carmelo Mamo et nomine**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Mejju 1998.

*aspetti tekniċi tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b' mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati.*"

Fil-kawża **Champalin Company Limited vs. Emmanuel Debono et** (Ċit Nru 1319/1998) deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Marzu 2004 ingħad illi:

"*Ir-raġunament imfisser tant tajjeb fir-rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux [App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha [Kap 12 Art 681], madankollu l-giudizio dell'arte ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et].*"[87]

Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Petroil Engineering Services Limited vs. Oil and Construction International Limited et** (Ċit Nru 1610/1995), deċiża fit-8 ta' Jannar 2007 spjegat illi:

"*L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiż sabiex il-Qorti tkun tista tistabilixxi fatti rilevanti għall-mertu ta' kawża illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu taħriġ jew tagħlim speċjali jew speċjalizzat appuntu sabiex jiġu determinati.*"

[87] Ara wkoll **Philip Grima vs. Carmelo Mamo et** deċiża fid-29 ta' Mejju 1998; **Geswalda Caruana vs. Francis Xerri** (App. Ċiv. Nru. 46/2010) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 2014.

Ikkunsidrat;

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha is-soċjetà attriċi tinsisti li l-azzjoni tmur oltre minn sempliċi kawża għal danni iżda ukoll dwar jekk is-soċjetà attriċi tistax tkompli tisvolġi l-attività tagħha ta' *poultry breeding* fil-proprjetà tagħha tal-Magħtab.

Tenut kont li s-soċjeta' attriċi ma resqitx provi sodisfaċenti li jippruvzw illi l-mard lamentat kien kaġun tal-miżbla, isegwi illi s-soċjeta' attriċi ma ppruvatx illi ma setgħatx tkompli topera r-razzett minħabba l-miżbla. Għall-kuntrarju irriżulta illi s-soċjeta' attriċi kienet kostretta tagħlaq ir-razzett tat-tiġieġ tagħha minħabba maniġjar ħażin tar-razzett.

Ikkunsisdrat;

***Allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' dritt fundamentali***

Permezz tar-raba' talba tagħha is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li bl-atteġġjament tal-konvenuti ġie leż l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tagħha.

Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma għandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-

użu tal-proprjeta` skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

**Ir-Raba' Eċċezzjoni**.

Il-konvenuti jeċċepixxu fir-raba' eċċezzjoni tagħhom li "ic-citazzjoni odjerna hija kontradittorja u improsegwibbli fil-forma li saret, stante li fl-istess talbiet is-socjeta` attrici qed titlob rimedju ordinarju, inkwantu qed titlob danni ai termini tal-Kodici Civili, kif ukoll qed titlob rimedju straordinarju ai termini tal-Att XIV tal-1987, liema rimedju straordinarju hu eskluz bir-rimedju ordinarju, peress li r-rimedju straordinarju qieghed hemm biex jaghmel tajjeb ghal dawk il-kazijiet meta ma jkunx hemm rimedju ordinarju."

Is-soċjetà attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha tad-9 ta' Marzu 2001 spjegat li ġaladarba din it-talba ma saritx b'mod weħidha iżda saret b'kumulu ta' talbiet oħra, l-eċċezzjoni tal-konvenuti ma treġix. Issostni li fil-liġi ma hemm xejn xi jżomm il-parti attriċi milli żżid talbiet għal dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet ma talbiet oħra ċivili. Is-soċjeta' attriċi ssostni wkoll illi l-azzjoni għandha in parti l-element tar-rimedju kontemplat fl-Artikolu 469A (1)(a) tal-Kapitolu 12 fejn il-liġi tagħti dritt ta' azzjoni sabiex jiġi sindikat att amministrattiv f'każ li tali att jivvjola l-Kostituzzjoni. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-7 t'Awwissu 2020 is-soċjetà attriċi għamlet referenza għas-sentenza **Onor Perit Dominic Mintoff et vs. L-Onor. Prim Ministru et** deċiża fit-30 t'April 1996 mill-Qorti Kostituzzjonali u ssostni illi hija għamlet aktar minn sempliċiment talba waħda u li fil-liġi ma hemm xejn xi żżomm il-parti attriċi milli żżid talbiet għal dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fondamentali ma' talbiet oħra msejsa fuq il-liġi ċivili.

Is-soċjeta' attriċi tirritjeni wkoll illi l-azzjoni tagħha għandha in parti l-element tar-rimedju kontemplat fl-Artikolu 469A (1)(a) tal-Kapitolu 12.

L-Artikolu 469A (1)(a) jaqra hekk:

"Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:

(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;"

Ikkunsidrat;

Jeħtieġ għalhekk li jiġi deċiż jekk is-soċjeta' attriċi setgħatx tressaq fl-istess kawża talbiet għal dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali flimkien ma' talbiet għad-danni taħt il-liġi ordinajra.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-ismijiet **Public Broadcasting Services Limited vs. Awtorita tax-Xandir** (Rik Ġur 1692/2000 JRM) fil-21 ta' Novembru 2002 fejn ġie ddikjarat li "l-leġislatur, kemm meta fassal il-Kostituzzjoni u kif ukoll meta daħħal il-bidliet fil-liġi proċedurali, ma jidhirx li ried iwaħħad dawn iż-żewġ rimedji distinti biex joħloq b'hekk taħwid fil-kompetenza tar-rispettiv tribunal awtorizzat biex jisma' u jiddeċiedi dwar l-ilment speċifiku mressaq quddiemu."

Il-Qorti Kostituzzjoni fil-kawża fl-ismijiet **Christopher Hall et vs. Direttur għad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali et (**Rik Kost Nru 1/2003/1) mogħtija fit-18 ta' Settembru 2009 irreteniet li:-

"l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur taghhom) ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jigi mistharreg mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – cioe`

li wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti – il-kliem "imur mod iehor kontra l-ligi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319 [...]. A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li mhux qed tghid li meta jigi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u/jew bil-Konvenzjoni l-intimat jew intimati ma jistghux jissollevaw, anke b'success, l-"eccezzjoni" li kien hemm mezz jew mezzi ohra xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat [Proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni analoga – Art. 4(2) – tal-Kap. 319.], jew li l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostitituzzjoni (u d-disposizzjoni analoga tal-Kap. 319) ma jistax jigi applikat ex officio mill-Prim Awla jew minn din il-Qorti, meta tali rimedju xieraq ravvizat ikun jikkonsisti fil-procedura tal-istharrig gudizzjarju skond l-imsemmi Artikolu 469A; dak li qed jigi deciz hu li jekk il-mezz xieraq ta' rimedju ravvizat ikun jikkonsisti biss fi stharrig gudizzjarju (in bazi ghas-subartikoli 1(a) jew (1)(b)(iv) tal-Artikolu 469A) ghar-raguni biss li l-eghemil amministrattiv ikun jilledi xi wiehed mill-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew ikun jilledi d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni inkorporati fil-Kap. 319, tali "eccezzjoni" ghandha tigi skartata bla tlaqliq bhala manifestament infondata, u, s'intendi, il-proviso msemmi m'ghandux, f'tali sitwazzjoni, jigi applikat ex officio mill-Qorti." (sottolinear tal-Qorti Kostituzzjonali) [88]

Fis-sentenza **Avv Michele Cardinali nomine vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija** (Rik Ġur 563/2019) mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-30 ta' Jannar 2020 (mhux appellata) ingħad hekk:

"Dan huwa evidenti mill-fatt illi l-kawza kienet intavolata quddiem din il-Qorti fil-kompetenza **ordinarja** taghha mhux bhala qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali u/jew konvenzjonali. Bl-impostazzjoni nnfisha tal-azzjoni, l-attur noe ndirizza l-premessi u t-talbiet lejn l-Art 469A tal-Kap 12. Ilmenti

[88] Ara wkoll **David Gatt vs. Prim Ministru Hon. Edward Fenech Adami et** (Appell Ċivili Nru 1548/2001/1) deċiża fis-6 ta' Settembru 2010; **Paul Farrugia et vs. L-Avukat Ġenerali et** (Appell Nru 696/1999/1) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Lulju 2010; .

ohra dwar vjolazzjoni ta` jeddijiet fondamentali hekk kif imharsa bil-Kostituzzjoni u /jew il-Konvenzjoni johorgu barra mill-kompetenza **ordinarja** ta` din il-Qorti. (enfasi u sottolinear ta' dik il-Qorti)"

Illi in linea mal-ġurisprudenza appena ċitata u ġaladarba l-artikolu ekwivalenti għall-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni huwa l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u peress li dan l-artikolu ma jaqax taħt l-ewwel sub-inċiż tal-artikolu hawn kwotat, din il-Qorti kif adita bħala Qorti Ċivili Prim' Awla m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi jekk kienx hemm leżjoni tad-drittijiet protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u għalhekk sejra tgħaddi sabiex tiċħad ir-raba' talba u t-talbiet konnessi magħha ċioe l-ħames u s-sitt talba tas-soċjetà attriċi.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża, u ċioe' t-talbiet attriċi ħlief it-talbiet numri 2 u 3 li diġa ġew deċiżi minn din il-Qorti diversament presjeduta, billi,

1. Tilqa in parte l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, tiddikjara lill-konvenuti Prim Ministru u Avukat tal-Istat bħala li ma humiex il-leġittimi kontradittur f'din il-kawża u għalhekk tilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tilqa' in parte r-raba eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li din il-Qorti fil-kompetenza ordinarja tagħha kif ġiet adita m'hijiex il-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt fundamentali sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewroepa għad-Drittijiet tal-Bniedem u għaldaqstant qed tiċħad ir-raba', il-ħames u s-sitt talba attriċi;

3. Tiċħad il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti  stante li permezz tal-kawża odjerna s-soċjeta' attriċi mhiex titlob stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv;

4. Tilqa' is-sitt u s-seba' eċċezzjoni tal-konvenuti.

5. Tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
27 ta' Mejju 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**